# Aħseb u Tgħallem

## Smigħ, Taħdit & Kitba

### Għas-6 sena

## Testijiet tas-Smigħ

**Ħin: 30 minuta kull test**

## Riżorsi għall-għalliema

BDL Publishing
www.bdlbooks.com

### Contents

Test Numbru Wieħed . . . . . 2
Test Numbru Tnejn . . . . . 10
Test Numbru Tlieta . . . . . 17
Test Numbru Erbgħa . . . . . 25
Test Numbru Ħamsa . . . . . 33
Test Numbru Sitta . . . . . 41
Test Numbru Sebgħa . . . . . 49
Test Numbru Tmienja . . . . . 56

It-test f'dan il-manuskrit jista' jinstab fuq l-*audio* CD u l-*workbook*
Aħseb u Tgħallem – Smigħ, Taħdit u Kitba

# Test Numru wieħed

Matul din is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-ktieb waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.**

Issa nitolbok tiftaħ il-ktieb u ssib paġna 4 fejn għandek taħriġ A u paġna 5 fejn għandek taħriġ B.

Waqfa ta' 10 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

Waqfa ta' 25 sekonda

**Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Tfal, illum se nagħmlu eżerċizzju ta' "Ħaġa Moħġaġa". Se naqralkom poeżija ta' Joseph Sciberras imma mhux se ngħidilkom x'jisimha. Għalhekk intom għandkom tisimgħuha bl-attenzjoni u waqt li twieġbu l-mistoqsijiet dwarha ppruvaw aħsbu fuqhiex qed titkellem din il-poeżija.

Qisu sala siġġijiet,
Li tinkera għat-tiġijiet.
Bl-antiporta wara l-bieb,
Li jinfetaħ biss għall-ħbieb.
Meta nkunu għajjenin
hu jikxifna fl-iqsar ħin.
Minnu 'l barra jgħaddi l-kliem,
Jew ta' ħsara jew ta' sliem.
Jarmi l-arja mill-pulmun;
Li ta' ħsara għall-ġisem tkun.
Jiżfen f'nofsu bħal żeffien
ta' sikwit iqum l-ilsien.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se naqralek taħriġ A.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Din il-poeżija kitibha a) Dun Karm
b) Joseph Sciberras
ċ) Karmenu Vassallo.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija:

**Din il-poeżija kitibha Joseph Sciberras.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Is-sala tinkera a) għat-tiġijiet
b) għal-laqgħat tal-kappillan
ċ) għall-festini tal-Preċett.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

L-antiporta tinfetaħ a) għal kulħadd
b) għall-ħbieb biss
ċ) għal min iħabbat fuq il-bieb.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Dan l-oġġett jikxifna meta nkunu a) irrabjati
b) għajjenin
ċ) ferħanin.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Il-poeta jqabbel l-ilsien ma' a) kantant
b) żeffien
ċ) xadin.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Taħseb li l-poeżija qed titkellem dwar a) il-bieb tas-sala tal-Kunsill Lokali
b) xi mużew antik
ċ) il-ħalq ?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'**Kolonna A**, f'numru wieħed, naqraw:

**Il-poeta qed jistħajjel li dan l-oġġett wara l-bieb …**

F'**Kolonna B** din is-sentenza tkompli …

**… għandu antiporta.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Il-poeta qed jistħajjel li dan l-oġġett wara l-bieb għandu antiporta.**

Issa se naqralek kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | **Meta nkunu għajjenin …** |
| Numru tlieta: | **Dan l-oġġett jarmi l-arja …** |
| Numru erbgħa: | **Il-kliem li jgħaddi minnu …** |
| Numru ħamsa: | **L-ilsien …** |
| Numru sitta: | **Skont il-poeta s-sala …** |

Issa se naqralek **Kolonna B:**

**… joqgħod jiżfen fin-nofs.**
**… jista' jkun ta' ħsara jew ta' sliem.**
**… hi mimlija bis-siġġijiet.**
**… għandu antiporta.**
**… mill-pulmun.**
**… jikxifna malajr.**

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għandu jikteb

**Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Tfal, illum se nagħmlu eżerċizzju ta' "Ħaġa Moħġaġa". Se naqralkom poeżija ta' Joseph Sciberras imma mhux se ngħidilkom x'jisimha. Għalhekk intom għandkom tisimgħuha bl-attenzjoni u waqt li twieġbu l-mistoqsijiet dwarha ppruvaw aħsbu fuqhiex qed titkellem din il-poeżija.

Qisu sala siġġijiet,
Li tinkera għat-tiġijiet.
Bl-antiporta wara l-bieb,
Li jinfetaħ biss għall-ħbieb.
Meta nkunu għajjenin
hu jikxifna fl-iqsar ħin.
Minnu 'l barra jgħaddi l-kliem,
Jew ta' ħsara jew ta' sliem.
Jarmi l-arja mill-pulmun;
Li ta' ħsara għall-ġisem tkun.
Jiżfen f'nofsu bħal żeffien
ta' sikwit iqum l-ilsien.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Se nerġa’ naqralek taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Din il-poeżija kitibha a) Dun Karm
b) Joseph Sciberras
ċ) Karmenu Vassallo.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta’ ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija:
**Din il-poeżija kitibha Joseph Sciberras.**
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista’ taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Is-sala tinkera a) għat-tiġijiet
b) għal-laqgħat tal-kappillan
ċ) għall-festini tal-Preċett.

Waqfa ta’ 3 sekondi

**Numru tlieta:**

L-antiporta tinfetaħ a) għal kulħadd
b) għall-ħbieb biss
ċ) għal min iħabbat fuq il-bieb.

Waqfa ta’ 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Dan l-oġġett jikxifna meta nkunu a) irrabjati
b) għajjenin
ċ) ferħanin.

Waqfa ta’ 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Il-poeta jqabbel l-ilsien ma’ a) kantant
b) żeffien
ċ) xadin.

Waqfa ta’ 3 sekondi

**Numru sitta:**

Taħseb li l-poeżija qed titkellem dwar a) il-bieb tas-sala tal-Kunsill Lokali
b) xi mużew antik
ċ) il-ħalq ?

Waqfa ta’ 3 sekondi

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Il-poeta qed jistħajjel li dan l-oġġett wara l-bieb…**

F'**Kolonna B** din is-sentenza tkompli…

**... għandu antiporta.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Il-poeta qed jistħajjel li dan l-oġġett wara l-bieb għandu antiporta.**

Issa se naqralek kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | **Meta nkunu għajjenin …** |
| Numru tlieta: | **Dan l-oġġett jarmi l-arja …** |
| Numru erbgħa: | **Il-kliem li jgħaddi minnu …** |
| Numru ħamsa: | **L-ilsien …** |
| Numru sitta: | **Skont il-poeta s-sala …** |

Issa se naqralek **Kolonna B:**

**… joqgħod jiżfen fin-nofs.**
**… jista' jkun ta' ħsara jew ta' sliem.**
**… hi mimlija bis-siġġijiet.**
**… għandu antiporta.**
**… mill-pulmun.**
**… jikxifna malajr.**

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta**

Nitolbok issib paġna 6 u paġna 7 tal-ktieb.

Waqfa ta' 5 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Waqfa ta' 45 sekonda

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tat-Tieni Silta

Ramon kellu xi disa' snin. Kien imqareb daqs xadin u l-praspar kien jivvintahom. L-għaqal u l-istudju qatt ma ried jaf bihom, iżda l-inkwiet kien jieklu bħall-pasti tal-krema. Kien joħloq biċċa għawġ wara l-oħra għall-imsejkna ommu. Daqqa jkissrilha xi vażun, daqqa jaqfilha barra u drabi oħra jxerrdilha ż-żejt jew iz-zokkor. Darba minnhom, saħansitra, iddendel mal-linfa tas-salott biex jipprova jitbandal bħal Tarzan qalb is-siġar!

Iżda nkwiet bħal dan ma kienx jerfgħu għall-mamà biss għax lill-papà u lin-nanniet kien sikwit idewwaqhulhom ukoll. U lanqas lill-għalliema tiegħu ma kien iħalli tgawdi l-paċi għax, b'mod jew ieħor, kien jisfratta l-klassi ta' kuljum.

"Imma x'salib għandi b'dan it-tifel!" bdiet tgħid f'qalbha l-mamà hi u tiġbor il-ħġieġ miksur. "Imnalla li lilu biss għandi, għax li kieku kelli xi tnejn oħra bħalu kont immut bl-inkwiet! … Din tal-lum oħra! Għandu xorti li ma korriex b'din il-ħġieġa! U mank baqa' ftit hawn ħalli jgħinni nnaddaf dan il-frak tal-ħġieġ! … Għamel il-ħsara u telaq jiġri għand in-nanna, ja brikkun!"

In-nanna Roż ma kinitx toqgħod bogħod wisq … malli ddur il-kantuniera. Għalhekk Ramon ma damx ma wasal għandha. Iżda mhux biex jaqdiha. Kellu f'moħħu biss li jiffranka xi xebgħa li setgħet tagħtih ommu tal-ħsara li kien għamel. Għalhekk baqa' dieħel dritt fil-kamra tal-ġnien fejn soltu kien isib lin-nannu Pin jagħmel xi gaġġa jew isewwi xi biċċa għodda.

In-nanna Roż għamlet kikkra kafè bil-ħalib u daħħlitha lil Ramon flimkien ma' żewġ qagħkiet tal-ħmira. Dejjem kienet trid iżżoqqu xi ħaġa malli jirfes għandha. Kienet tħobbu wisq. U kienet dratu sew. Għalhekk mill-ewwel indunat mill-bixra ta' wiċċu li dik il-għodwa kien għadu kif għamel xi waħda minn tiegħu. Xtaqet tkun taf bil-biċċa biex bħas-soltu twiddbu ta' xiħa li kienet. Imma t-tifel ma kellux aptit jitkellem magħha dak il-ħin għax kien intilef iħares lejn in-nannu Pin li kien għadu kif beda biċċa xogħol iktar interessanti.

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Carmel G. Cauchi* Ramon u Sardinellu.

### Issa se jinqara taħriġ A

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Għalhekk inti għandek tuża n-numri minn 2 sa 6.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija:

**Ramon kisser xi ħaġa tal-ħġieġ.**

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn:

**It-tifel mar jiġri għand in-nanna.**

**In-nanna xtaqet tkun taf x'ġara.**

**In-nanna għamlitlu kikkra kafe' bil-ħalib.**

**Ramon intilef iħares lejn in-nannu Pin.**
**Ramon kisser xi ħaġa tal-ħġieġ.**
**Kif wasal għand in-nanna baqa' dieħel fil-kamra tal-ġnien.**

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Ramon kellu xi **disa'** snin.
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

Darba Ramon ipprova jitbandal bħal Tarzan qalb is-__________ u ddendel mal-__________ tas-__________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

It-tifel kien jinkwieta lill-ġenituri, lin-__________ u lill- __________ tiegħu.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

In-nanna kienet toqgħod biss __________ bogħod.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

In-nanna ndunat mill-__________ ta' __________ li t-tifel kien għamel xi waħda minn tiegħu.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

In-nannu Pin kien għadu kif beda biċċa __________ iktar __________.

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

Issa se terġa' tinqara t-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.
Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**Il-Qari tat-Tieni Silta**

Ramon kellu xi disa' snin. Kien imqareb daqs xadin u l-praspar kien jivvintahom. L-għaqal u l-istudju qatt ma ried jaf bihom, iżda l-inkwiet kien jieklu bħall-pasti tal-krema. Kien joħloq biċċa għawġ wara l-oħra għall-imsejkna ommu. Daqqa jkissrilha xi vażun, daqqa jaqfilha barra u drabi oħra jxerrdilha ż-żejt jew iz-zokkor. Darba minnhom, saħansitra, iddendel mal-linfa tas-salott biex jipprova jitbandal bħal Tarzan qalb is-siġar!

Iżda nkwiet bħal dan ma kienx jerfgħu għall-mamà biss għax lill-papà u lin-nanniet kien sikwit idewwaqhulhom ukoll. U lanqas lill-għalliema tiegħu ma kien iħalli tgawdi l-paċi għax, b'mod jew ieħor, kien jisfratta l-klassi ta' kuljum.

"Imma x'salib għandi b'dan it-tifel!" bdiet tgħid f'qalbha l-mamà hi u tiġbor il-ħġieġ miksur. "Imnalla li lilu biss għandi, għax li kieku kelli xi tnejn oħra bħalu kont immut bl-inkwiet! … Din tal-lum oħra! Għandu xorti li ma korriex b'din il-ħġieġa! U mank baqa' ftit hawn ħalli jgħinni nnaddaf dan il-frak tal-ħġieġ! … Għamel il-ħsara u telaq jiġri għand in-nanna, ja brikkun!"

In-nanna Roż ma kinitx toqgħod bogħod wisq … malli ddur il-kantuniera. Għalhekk Ramon ma damx ma wasal għandha. Iżda mhux biex jaqdiha. Kellu f'moħħu biss li jiffranka xi xebgħa li setgħet tagħtih ommu tal-ħsara li kien għamel. Għalhekk baqa' dieħel dritt fil-kamra tal-ġnien fejn soltu kien isib lin-nannu Pin jagħmel xi gaġġa jew isewwi xi biċċa għodda.

In-nanna Roż għamlet kikkra kafè bil-ħalib u daħħlitha lil Ramon flimkien ma' żewġ qagħkiet tal-ħmira. Dejjem kienet trid iżżoqqu xi ħaġa malli jirfes għandha. Kienet tħobbu wisq. U kienet dratu sew. Għalhekk mill-ewwel indunat mill-bixra ta' wiċċu li dik il-għodwa kien għadu kif għamel xi waħda minn tiegħu. Xtaqet tkun taf bil-biċċa biex bħas-soltu twiddbu ta' xiħa li kienet. Imma t-tifel ma kellux aptit jitkellem magħha dak il-ħin għax kien intilef iħares lejn in-nannu Pin li kien għadu kif beda biċċa xogħol iktar interessanti.

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Carmel G. Cauchi* Ramon u Sardinellu.

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Għalhekk inti għandek tuża n-numri minn 2 sa 6.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija:

**Ramon kisser xi ħaġa tal-ħġieġ.**

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn:

**It-tifel mar jiġri għand in-nanna.**

**In-nanna xtaqet tkun taf x'ġara.**

**In-nanna għamlitlu kikkra kafe' bil-ħalib.**

**Ramon intilef iħares lejn in-nannu Pin.**

**Ramon kisser xi ħaġa tal-ħġieġ.**

**Kif wasal għand in-nanna baqa' dieħel fil-kamra tal-ġnien.**

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Ramon kellu xi **disa'** snin.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

Darba Ramon ipprova jitbandal bħal Tarzan qalb is-__________ u ddendel mal-__________ tas-__________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

It-tifel kien jinkwieta lill-ġenituri, lin-__________ u lill- __________ tiegħu.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

In-nanna kienet toqgħod biss __________ bogħod.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

In-nanna ndunat mill-__________ ta' __________ li t-tifel kien għamel xi waħda minn tiegħu.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

In-nannu Pin kien għadu kif beda biċċa __________ iktar __________.

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. Test Numru wieħed spiċċa.**

# Test Numru tnejn

Matul din is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji li għandek fil-ktieb waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.**

Issa nitolbok tiftaħ il-ktieb u ssib paġna 8 fejn għandek taħriġ A u paġna 9 fejn għandek taħriġ B.

Waqfa ta' 10 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

Waqfa ta' 25 sekonda

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Tfal, nittama li r-riċetta li tajtkom ġimagħtejn ilu ppruvajtuha u ġietkom tajba.

Illum se nagħtikom riċetta ħafifa ta' kif tagħmlu pizza.

Waqfa ta' 2 sekondi

L-ingredjenti li għandkom bżonn huma:

għaġina
bott zalza tat-tadam
ftit mozzarella maħkuka
bajda mqatta' roti roti
basla mqatta' f'biċċiet żgħar
ftit zalzett tal-bott imqatta'
piżelli, u
faqqiegħ.

Waqfa ta' 3 sekondi

Iftaħ l-għaġina bil-lembuba u poġġieha ġo pjanċa tonda. Iksi l-għaġina biz-zalza tat-tadam u mbagħad itfa' fuqha l-mozzarella. Wara żid il-bajda, il-basla, iz-zalzett imqatta', il-piżelli, u l-faqqiegħ.

Ixgħel il-forn u wara li jkun saħan sew aħmi l-pizza għal madwar 15-il minuta.

Tfal, oqogħdu attenti li ma tinħarqilkomx.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se naqralek taħriġ A**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Il-preżentatur ta lit-tfal riċetta tal-pizza. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Din Veru.  Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt Veru.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

It-tfal tingħatalhom riċetta kull ġimgħa.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Ir-riċetta ta' ġimagħtejn ilu kienet dwar kif isiru l-imqaret.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

L-għaġina għandha tinfetaħ b'furketta.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Wara li tinfetaħ, l-għaġina għandha tinkesa biz-zalza tat-tadam.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

It-tfal għandhom iħallu l-pizza ssir fil-forn għal madwar nofs siegħa.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Il-mozzarella għandha tkun … maħkuka.
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

Il-__________ trid tkun ___________ roti roti.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Wara li jiksu l-għaġina biz-___________ tat-___________, it-tfal għandhom jitfgħu l- mozzarella.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Minbarra l-għaġina, iz-zalza tat-tadam, il-mozzarella, il-bajda u ftit zalzett, biex jagħmlu pizza t-tfal għandhom bżonn ukoll _________, __________ u __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Qabel ma t-tfal jaħmu l-pizza, il-________ irid ikun __________ sew.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

It-tfal għandhom joqogħdu attenti li l-pizza ma __________.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

**Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Tfal, nittama li r-riċetta li tajtkom ġimagħtejn ilu ppruvajtuha u ġietkom tajba.

Illum se nagħtikom riċetta ħafifa ta' kif tagħmlu pizza.

Waqfa ta' 2 sekondi

L-ingredjenti li għandkom bżonn huma:

għaġina
bott zalza tat-tadam
ftit mozzarella maħkuka
bajda mqatta' roti roti
basla mqatta' f'biċċiet żgħar
ftit zalzett tal-bott imqatta'
piżelli, u
faqqiegħ.

Waqfa ta' 3 sekondi

Iftaħ l-għaġina bil-lembuba u poġġieha ġo pjanċa tonda. Iksi l-għaġina biz-zalza tat-tadam u mbagħad itfa' fuqha l-mozzarella. Wara żid il-bajda, il-basla, iz-zalzett imqatta', il-piżelli, u l-faqqiegħ.

Ixgħel il-forn u wara li jkun saħan sew aħmi l-pizza għal madwar 15-il minuta.

Tfal, oqogħdu attenti li ma tinħarqilkomx.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Il-preżentatur ta lit-tfal riċetta tal-pizza. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Din **Veru**. Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Veru**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

It-tfal tingħatalhom riċetta kull ġimgħa.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Ir-riċetta ta' ġimagħtejn ilu kienet dwar kif isiru l-imqaret.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

L-għaġina għandha tinfetaħ b'furketta.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Wara li tinfetaħ, l-għaġina għandha tinkesa biz-zalza tat-tadam.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

It-tfal għandhom iħallu l-pizza ssir fil-forn għal madwar nofs siegħa.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.
Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Il-mozzarella għandha tkun … maħkuka.
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

Il-__________ trid tkun ___________ roti roti.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Wara li jiksu l-għaġina biz-__________ tat-__________, it-tfal għandhom jitfgħu l-mozzarella.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Minbarra l-għaġina, iz-zalza tat-tadam, il-mozzarella, il-bajda u ftit zalzett, biex jagħmlu pizza t-tfal għandhom bżonn ukoll _________, __________ u __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Qabel ma t-tfal jaħmu l-pizza, il-________ irid ikun __________ sew.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

It-tfal għandhom joqogħdu attenti li l-pizza ma __________.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta**

Nitolbok issib paġna 10 u paġna 11 tal-ktieb

Waqfa ta' 5 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Waqfa ta' 45 sekonda

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Il-Qari tat-Tieni Silta**

Is-Sinjorina Sophie kienet tħobb tilbes xi kappell pulit. Kellha kappell għal kull okkażjoni. Kpiepel ta' kull daqs, lewn u sura. "Mingħajr kappell ma nħossnix liebsa," kienet tħobb tgħid.

Mela xi nisa mir-raħal riedu jorganizzaw, fost l-oħrajn, kompetizzjoni għall-aħjar kappell. Stiednu lis-Sinjorina Sophie biex tkun fost dawk li jagħżlu l-aħjar kappell.

"Imma jien, ruħi, minn hawn ftit li xejn noħroġ," qalet lill-Presidenta ta' dan il-Kumitat.

"Naħsbu aħna biex niġu għalik, Sinjorina Sophie," weġbitha l-Presidenta.

"U l-klieb se nħallihom weħidhom jaħasra?," reġgħet ix-xwejħa.

"Ġibhom miegħek. Dawk edukati aktar mit-tfal."

U baqgħu miftehma hekk.

Dakinhar tal-kompetizzjoni, is-Sinjorina Sophie wissiet liż-żewġt iklieb biex joqogħdu kwieti għax hi kellha biċċa xogħol importanti.

"L-aktar lilek qed ngħid , Kikk," wissietu s-Sinjorina Sophie. "Qis li ma tħallinix moħħni fik għax ma nkunx naf x'jiena nagħmel."

Kikku u Sika qagħdu f'rokna, kwieti kwieti, jaraw dik il-wirja tal-kpiepel.

Kien hemm kpiepel ta' kull xorta u ta' kull sura. Kpiepel sura ta' važuni bil-fjuri, bramel maqluba, platti tal-frott; kpiepel żgħar u kpiepel kbar; kpiepel bix-xniexel u bil-velijiet; kpiepel tat-tibna; u kpiepel tal-pannu. Wieħed isbaħ mill-ieħor. Wieħed aħjar mill-ieħor. Imma kienet biċċa xogħol diffiċli tgħid liema kien l-isbaħ u l-aħjar.

Kappell minnhom kien jixbaħ eżattament lil wieħed li s-Sinjorina Sophie kellha fil-gwardarobba. Kikku ma qalax għajnejh minn fuqu. Donnu kien għassa għalih.

Meta l-mara li lestiet dak il-kappell ġiet biex tilbsu, Kikku qam bil-ħeffa minfejn kien u mar kważi jħebb għal dik il-mara. Dik twerwret u telqet tiġri.

Kikku ħataf bi snienu l-kappell, li mingħalih kien tas-Sinjorina Sophie, u b'ċaqlieqa ħafifa tefa' l-kappell fuq rasu.

Xeraqlu tassew!

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Ġorġ Peresso* Kikku u Sika.

**Issa se jinqara taħriġ A**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Is-Sinjorina Sophie a) kellha kappell wieħed
b) kellha ħafna kpiepel
ċ) ma kellhiex kpiepel.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.
Is-sentenza sħiħa hija:
**Is-Sinjorina Sophie kellha ħafna kpiepel.**
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Xi nisa mir-raħal riedu jorganizzaw a) kompetizzjoni għall-isbaħ libsa
b) kompetizzjoni taż-żfin
ċ) kompetizzjoni għall-aħjar kappell.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Is-Sinjorina Sophie kellha a) żewġt iklieb
b) kelb wieħed
ċ) tliet qtates.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Il-Presidenta tal-Kumitat qalet lis-Sinjorina Sophie
a) biex il-klieb tħallihom warajha
b) biex tgħid lil xi ħadd iżommilha l-klieb
ċ) biex tieħu l-klieb magħha.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Liema wieħed minn dawn il-kpiepel ma jissemmiex fis-silta ?
a) kappell tal-pannu
b) kappell bix-xniexel
ċ) kappell forma ta' torri.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Is-Sinjorina Sophie kienet iżżomm il-kappell li kien jixbaħ lil ta' dik il-mara
a) fil-gwardarobba
b) fuq il-komodina
ċ) fil-bank tal-kċina.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

X'kien jisimha sidt iż-żewġt iklieb?
Ir-risposta li ktibt għal din il-mistoqsija hija:
**Is-Sinjorina Sophie.**
Issa ngħaddu għall-kumplament tal-mistoqsijiet u tista' tweġibhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

X'kienet tħobb tilbes is-Sinjorina Sophie?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

X'kien jisimhom iż-żewġt iklieb?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Is-Sinjorina Sophie x'wissiet lill-klieb?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

X'għamlet il-mara malli rat lil Kikku riesaq lejha?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

X'għamel Kikku bil-kappell ta' dik il-mara?

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu qed jikteb

**Issa se terġa' tinqara t-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.**

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**Il-Qari tat-Tieni Silta**

Is-Sinjorina Sophie kienet tħobb tilbes xi kappell pulit. Kellha kappell għal kull okkażjoni. Kpiepel ta' kull daqs, lewn u sura. "Mingħajr kappell ma nħossnix liebsa," kienet tħobb tgħid.

Mela xi nisa mir-raħal riedu jorganizzaw, fost l-oħrajn, kompetizzjoni għall-aħjar kappell. Stiednu lis-Sinjorina Sophie biex tkun fost dawk li jagħżlu l-aħjar kappell.

"Imma jien, ruħi, minn hawn ftit li xejn noħroġ," qalet lill-Presidenta ta' dan il-Kumitat.

"Naħsbu aħna biex niġu għalik, Sinjorina Sophie," weġbitha l-Presidenta.

"U l-klieb se nħallihom weħidhom jaħasra?," reġgħet ix-xwejħa.

"Ġibhom miegħek. Dawk edukati aktar mit-tfal."

U baqgħu miftehma hekk.

Dakinhar tal-kompetizzjoni, is-Sinjorina Sophie wissiet liż-żewġt iklieb biex joqogħdu kwieti għax hi kellha biċċa xogħol importanti.

“L-aktar lilek qed ngħid , Kikk,” wissietu s-Sinjorina Sophie. “Qis li ma tħallinix moħħni fik għax ma nkunx naf x’jiena nagħmel.”

Kikku u Sika qagħdu f’rokna, kwieti kwieti, jaraw dik il-wirja tal-kpiepel.

Kien hemm kpiepel ta’ kull xorta u ta’ kull sura. Kpiepel sura ta’ vażuni bil-fjuri, bramel maqluba, platti tal-frott; kpiepel żgħar u kpiepel kbar; kpiepel bix-xniexel u bil-velijiet; kpiepel tat-tibna; u kpiepel tal-pannu. Wieħed isbaħ mill-ieħor. Wieħed aħjar mill-ieħor. Imma kienet biċċa xogħol diffiċli tgħid liema kien l-isbaħ u l-aħjar.

Kappell minnhom kien jixbaħ eżattament lil wieħed li s-Sinjorina Sophie kellha fil-gwardarobba. Kikku ma qalax għajnejh minn fuqu. Donnu kien għassa għalih.

Meta l-mara li lestiet dak il-kappell ġiet biex tilbsu, Kikku qam bil-ħeffa minfejn kien u mar kważi jħebb għal dik il-mara. Dik twerwret u telqet tiġri.

Kikku ħataf bi snienu l-kappell, li mingħalih kien tas-Sinjorina Sophie, u b’ċaqlieqa ħafifa tefa’ l-kappell fuq rasu.

Xeraqlu tassew!

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta’ Ġorġ Peresso* Kikku u Sika.

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Is-Sinjorina Sophie
a) kellha kappell wieħed
b) kellha ħafna kpiepel
ċ) ma kellhiex kpiepel.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta’ ħdejha.
Is-sentenza sħiħa hija:
**Is-Sinjorina Sophie kellha ħafna kpiepel.**
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista’ taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Xi nisa mir-raħal riedu jorganizzaw
a) kompetizzjoni għall-isbaħ libsa
b) kompetizzjoni taż-żfin
ċ) kompetizzjoni għall-aħjar kappell.

Waqfa ta’ 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Is-Sinjorina Sophie kellha
a) żewġt iklieb
b) kelb wieħed
ċ) tliet qtates.

Waqfa ta’ 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Il-Presidenta tal-Kumitat qalet lis-Sinjorina Sophie

a) biex il-klieb tħallihom warajha

b) biex tgħid lil xi ħadd iżommilha l-klieb

ċ) biex tieħu l-klieb magħha.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Liema wieħed minn dawn il-kpiepel ma jissemmiex fis-silta ?

a) kappell tal-pannu

b) kappell bix-xniexel

ċ) kappell forma ta' torri.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Is-Sinjorina Sophie kienet iżżomm il-kappell li kien jixbaħ lil ta' dik il-mara

a) fil-gwardarobba

b) fuq il-komodina

ċ) fil-bank tal-kċina.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

X'kien jisimha sidt iż-żewġt iklieb?

Ir-risposta li ktibt għal din il-mistoqsija hija:

**Is-Sinjorina Sophie.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-mistoqsijiet u tista' tweġibhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

X'kienet tħobb tilbes is-Sinjorina Sophie?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

X'kien jisimhom iż-żewġt iklieb?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Is-Sinjorina Sophie x'wissiet lill-klieb?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

X'għamlet il-mara malli rat lil Kikku riesaq lejha?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

X'għamel Kikku bil-kappell ta' dik il-mara?

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu qed jikteb

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**
**Grazzi. Test Numru tnejn spiċċa.**

# Test Numru tlieta

Matul din is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-ktieb waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.**

Issa nitolbok tiftaħ il-ktieb u ssib paġna 12 fejn għandek taħriġ A u taħriġ B

Waqfa ta' 10 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

Waqfa ta' 25 sekonda

**Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Dun Ġorġ Preca, iben Vinċenz u Natalina Preca, twieled fit-12 ta' Frar 1880 fid-dar numru 53, Triq il-Punent, il-belt Valletta. Hu minn dejjem wera x-xewqa li jsir qassis u fit-22 ta' Diċembru tas-sena 1906 hu ġie ordnat saċerdot.

El-ewwel snin tiegħu bħala qassis, Dun Ġorġ beda jiġbor xi żgħażagħ, ħafna minnhom mill-Ħamrun, u beda jgħallimhom id-duttrina. Dawn iż-żgħażagħ kellhom ħeġġa kbira għat-tagħlim nisrani u kien hemm xi wħud minnhom li wrew ix-xewqa li jsiru qassisin.

B'dawn il-laqgħat twaqqfet is-soċjetà tal-MUSEUM. Dun Ġorġ kien magħruf bħala bniedem umli u kien jgħid liż-żgħażagħ li qatt m'għandhom ifittxu l-glorja personali tagħhom.

Dun Ġorġ Preca miet fis-26 ta' Lulju 1962. Il-Papa Ġwanni Pawlu II għamlu beatu u fit-3 ta' Ġunju 2006 il-Papa Beneditttu XVI iddikjara lil Dun Ġorġ Preca bħala qaddis. B'hekk issa għandna l-ewwel qaddis Malti.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se naqralek taħriġ A.**

Imla l-vojt fit-tabella li għandek f'paġna 11.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Dun Ġorġ twieled

Post: **Valletta** Jum: **12** Xahar: **Frar** Sena: **1880**

Issa se naqralek il-kumplament tas-sentenzi u imla l-vojt fit-tabella skont il-ħtieġa.

**Numru tnejn:**

Dun Ġorġ sar qassis:

Jum, Xahar, Sena

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Ħafna żgħażagħ li kien jiġbor Dun Ġorġ kienu minn hawn:
Post

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Dun Ġorġ miet:
Jum, Xahar, Sena

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Dun Ġorġ ġie ddikjarat qaddis:
Jum, Xahar, Sena

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.
Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.
Għalhekk inti għandek tuża n-numri minn 2 sa 6.
Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija :

**Dun Ġorġ twieled fid-dar numru 53.**

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn :
**Dun Ġorġ twieled fid-dar numru 53.**
**Il-Papa Ġwanni Pawlu II għamel lil Dun Ġorġ beatu.**
**Meta sar qassis hu beda jgħallem id-duttrina lil xi żgħażagħ.**
**Il-Papa Beneditttu XVI iddikjara lil Dun Ġorġ bħala qaddis.**
**Hu minn dejjem wera x-xewqa li jsir qassis.**
**B'dawn il-laqgħat ta' tagħlim twieldet is-soċjetà tal-MUSEUM.**

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

**Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Dun Ġorġ Preca, iben Vinċenz u Natalina Preca, twieled fit-12 ta' Frar 1880 fid-dar numru 53, Triq il-Punent, il-belt Valletta. Hu minn dejjem wera x-xewqa li jsir qassis u fit-22 ta' Diċembru tas-sena 1906 hu ġie ordnat saċerdot.

El-ewwel snin tiegħu bħala qassis, Dun Ġorġ beda jiġbor xi żgħażagħ, ħafna minnhom mill-Ħamrun, u beda jgħallimhom id-duttrina. Dawn iż-żgħażagħ kellhom ħeġġa kbira għat-tagħlim nisrani u kien hemm xi wħud minnhom li wrew ix-xewqa li jsiru qassisin.

B'dawn il-laqgħat twaqqfet is-soċjetà tal-MUSEUM. Dun Ġorġ kien magħruf bħala bniedem umli u kien jgħid liż-żgħażagħ li qatt m'għandhom ifittxu l-glorja personali tagħhom.

Dun Ġorġ Preca miet fis-26 ta' Lulju 1962. Il-Papa Ġwanni Pawlu II għamlu beatu u fit-3 ta' Ġunju 2006 il-Papa Benedittu XVI iddikjara lil Dun Ġorġ Preca bħala qaddis. B'hekk issa għandna l-ewwel qaddis Malti.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Imla l-vojt fit-tabella li għandek f'paġna 11.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Dun Ġorġ twieled
Post: **Valletta** Jum: **12** Xahar: **Frar** Sena: **1880**
Issa se naqralek il-kumplament tas-sentenzi u imla l-vojt fit-tabella skont il-ħtieġa.

**Numru tnejn:**

Dun Ġorġ sar qassis:
Jum, Xahar, Sena

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Ħafna żgħażagħ li kien jiġbor Dun Ġorġ kienu minn hawn:
Post

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Dun Ġorġ miet:
Jum, Xahar, Sena

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Dun Ġorġ ġie ddikjarat qaddis:
Jum, Xahar, Sena

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.
Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.
Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.
Għalhekk inti għandek tuża n-numri minn 2 sa 6.
Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija :

**Dun Ġorġ twieled fid-dar numru 53.**

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn :
**Dun Ġorġ twieled fid-dar numru 53.**

**Il-Papa Ġwanni Pawlu II għamel lil Dun Ġorġ beatu.**
**Meta sar qassis hu beda jgħallem id-duttrina lil xi żgħażagħ.**
**Il-Papa Benedittu XVI iddikjara lil Dun Ġorġ bħala qaddis.**
**Hu minn dejjem wera x-xewqa li jsir qassis.**
**B'dawn il-laqgħat ta' tagħlim twieldet is-soċjet**à **tal-MUSEUM.**

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.
**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 13 u paġna 14 tal-ktieb.

Waqfa ta’ 5 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Waqfa ta’ 45 sekonda

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista’ tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta’ 3 sekondi

Il-Qari tat-Tieni Silta.

Darba kien hemm prinċep li kellu sbatax-il sena. Missieru u ommu kienu ġew maqtula minn xi ħadd li qatt ma nqabad u għalhekk il-prinċep ma baqa’ jafda lil ħadd. Ħa t-teżori li l-ġenituri kienu ħallewlu u telaq mill-kastell. Wara din it-traġedja, il-kastell safa abbandunat u ħadd ma azzarda jersaq lejh għax kienu ħasbu li kien waqa’ xi seħer kbir fuqu.

Dan il-prinċep kien dejjem jibża’ li t-teżori tiegħu se jinsterqu, għalhekk ma kien jafdahom imkien, lanqas fil-bank. Dan il-prinċep beża’ wkoll jgħix f’dar għax daħħal f’moħħu li xi ħadd isir jaf fejn joqgħod u jmur jisirqu.

Għalhekk ħaffer ħofra kbira taħt l-art u kien jgħix fiha mat-teżori tiegħu. Il-ġuvnott kien abjad karti għax qatt ma kien jara dawl ħlief ftit kuljum fejn kien imur ġo ħanut biex jixtri malajr l-ikel. Fi triqtu lura lejn il-ħofra, kien hemm vit tal-ilma u kien jitnaddaf ftit bih.

X’kien joqgħod jagħmel dal-prinċep taħt l-art?

Dan il-prinċep kien joqgħod inaddaf it-teżori tiegħu b’biċċa ċarruta li kellu. It-teżori tiegħu kienu dejjem ileqqu imma d-dehra tal-prinċep kienet dejjem waħda ta’ mdejjaq u maħmuġ.

Ħdejn din il-ħofra kienet toqgħod familja ġrieden. Il-missier ta’ din il-familja ġrieden kien jitħassru lil dan il-prinċep għax kien jarah dejjem waħdu magħluq fid-dlam. Għalhekk beda jipprova jagħmel ħbieb miegħu. Għall-ewwel il-prinċep kien ikeċċih minn ħdejh għax ħaseb li dan il-ġurdien ried ukoll jisraqlu t-teżori, imma ftit ftit beda jemmen li kulma ried kien biss li jsiru ħbieb.

“Tajjeb wisq,” qal il-prinċep bejnu u bejn ruħu. “Jekk nagħmel ħbieb ma’ dan il-ġurdien, jibda jeħodli ħsieb it-teżori meta jien noħroġ biex nixtri u nkun nista’ ndum ftit ieħor barra.”

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta’ Natasha Turner* Ranċu Is-Sindku tal-Granċijiet.

**Issa se jinqara taħriġ A.**

Ħares lejn dawn l-istampi u taħt kull waħda ikteb sentenza qasira skont l-istorja li għadek kemm smajt. L-ewwel waħda hija eżempju.

**Stampa numru wieħed.**

Taħt din l-istampa ktibt din is-sentenza:

**Il-prinċep kien imur ġo ħanut biex jixtri l-ikel.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-istampi u tista’ taħdem l-eżerċizzju.

**Stampa numru tnejn.**

Waqfa ta’ 10 sekondi

**Stampa numru tlieta.**

Waqfa ta’ 10 sekondi

**Stampa numru erbgħa.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa numru ħamsa.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa numru sitta.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Qabbel **Kolonna A** ma' **Kolonna B** billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Il-qattiel ta' omm u missier il-prinċep …**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli …

**… ma nqabadx.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Il-qattiel ta' omm u missier il-prinċep ma nqabadx.**

**Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.**

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn : | Wara din it-traġedja … |
| Numru tlieta: | Il-prinċep ma baqa' … |
| Numru erbgħa: | Il-prinċep ħaffer ħofra kbira … |
| Numru ħamsa: | Id-dehra tal-prinċep … |
| Numru sitta: | Il-missier tal-familja tal-ġrieden … |

**Issa se naqralek Kolonna B:**

… u mar jgħix fiha.

… ma nqabadx.

… il-kastell safa abbandunat.

… kien jitħassar lill-prinċep.

… jafda lil ħadd.

… saret waħda ta' mdejjaq u maħmuġ.

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa se terġa' tinqara t-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.**

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

Il-Qari tat-Tieni Silta.

Darba kien hemm prinċep li kellu sbatax-il sena. Missieru u ommu kienu ġew maqtula minn xi ħadd li qatt ma nqabad u għalhekk il-prinċep ma baqa' jafda lil ħadd. Ħa t-teżori li l-ġenituri kienu ħallewlu

u telaq mill-kastell. Wara din it-traġedja, il-kastell safa abbandunat u ħadd ma azzarda jersaq lejh għax kienu ħasbu li kien waqa' xi seħer kbir fuqu.

Dan il-prinċep kien dejjem jibża' li t-teżori tiegħu se jinsterqu, għalhekk ma kien jafdahom imkien, lanqas fil-bank. Dan il-prinċep beża' wkoll jgħix f'dar għax daħħal f'moħħu li xi ħadd isir jaf fejn joqgħod u jmur jisirqu.

Għalhekk ħaffer ħofra kbira taħt l-art u kien jgħix fiha mat-teżori tiegħu. Il-ġuvnott kien abjad karti għax qatt ma kien jara dawl ħlief ftit kuljum fejn kien imur ġo ħanut biex jixtri malajr l-ikel. Fi triqtu lura lejn il-ħofra, kien hemm vit tal-ilma u kien jitnaddaf ftit bih.

X'kien joqgħod jagħmel dal-prinċep taħt l-art?

Dan il-prinċep kien joqgħod inaddaf it-teżori tiegħu b'biċċa ċarruta li kellu. It-teżori tiegħu kienu dejjem ileqqu imma d-dehra tal-prinċep kienet dejjem waħda ta' mdejjaq u maħmuġ.

Ħdejn din il-ħofra kienet toqgħod familja ġrieden. Il-missier ta' din il-familja ġrieden kien jitħassru lil dan il-prinċep għax kien jarah dejjem waħdu magħluq fid-dlam. Għalhekk beda jipprova jagħmel ħbieb miegħu. Għall-ewwel il-prinċep kien ikeċċih minn ħdejh għax ħaseb li dan il-ġurdien ried ukoll jisraqlu t-teżori, imma ftit ftit beda jemmen li kulma ried kien biss li jsiru ħbieb.

"Tajjeb wisq," qal il-prinċep bejnu u bejn ruħu. "Jekk nagħmel ħbieb ma' dan il-ġurdien, jibda jeħodli ħsieb it-teżori meta jien noħroġ biex nixtri u nkun nista' ndum ftit ieħor barra."

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Natasha Turner* Ranċu Is-Sindku tal-Granċijiet.

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Ħares lejn dawn l-istampi u taħt kull waħda ikteb sentenza qasira skont l-istorja li għadek kemm smajt.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Stampa numru wieħed.**

Taħt din l-istampa ktibt din is-sentenza:

**Il-prinċep kien imur ġo ħanut biex jixtri l-ikel.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-istampi u tista' taħdem l-eżerċizzju.

**Stampa numru tnejn.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa numru tlieta.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa numru erbgħa.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa numru ħamsa.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa numru sitta.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Qabbel **Kolonna A** ma' **Kolonna B** billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Il-qattiel ta' omm u missier il-prinċep …**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli …

**… ma nqabadx.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Il-qattiel ta' omm u missier il-prinċep ma nqabadx.**

**Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.**

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn : | Wara din it-traġedja … |
| Numru tlieta: | Il-prinċep ma baqa' … |
| Numru erbgħa: | Il-prinċep ħaffer ħofra kbira … |
| Numru ħamsa: | Id-dehra tal-prinċep … |
| Numru sitta: | Il-missier tal-familja tal-ġrieden … |

**Issa se naqralek Kolonna B:**

… u mar jgħix fiha.

… ma nqabadx.

… il-kastell safa abbandunat.

… kien jitħassar lill-prinċep.

… jafda lil ħadd.

… saret waħda ta' mdejjaq u maħmuġ.

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. Test Numru tlieta spiċċa.**

## Test Numru erbgħa

Matul din is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-ktieb waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.**

Issa nitolbok tiftaħ il-ktieb u ssib paġna 15 fejn għandek taħriġ A u paġna 16 fejn għandek taħriġ B.

Waqfa ta' 10 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

Waqfa ta' 25 sekonda

**Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Tfal, illum fir-rokna tal-krafts se naraw kif tistgħu tagħmlu paraxut tal-logħob.

L-ewwelnett għandkom bżonn biċċa drapp jew plastik irqiqa kwadra d-daqs ta' maktur. Aqtgħu erba' biċċiet spag indaqs ta' madwar ħamsin ċentimetru u orbtu t-tarf ta' kull spaga mal-erba' ponot tad-drapp jew tal-plastik. Mat-truf l-oħra tal-ispag tistgħu torbtu xi rukkell, labra tal-inxir jew xi pupu żgħir tal-plastik. Importanti li l-oġġett li torbtu ma jkunx tqil ħafna. Issa l-paraxut ikun lest biex tilagħbu bih.

Tistgħu żżommuh ponn f'idejkom, titfgħuh 'il fuq kemm tifilħu u toqogħdu tħarsu lejh nieżel lura bil-mod il-mod jew tistgħu tmorru x'imkien fil-għoli, bħal xi bejt jew gallarija, twaddbu l-paraxut għal isfel u tarawh nieżel ħelu ħelu. Importanti ħafna li jekk tmorru x'imkien fil-għoli ma tixxabbtux.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se naqralek taħriġ A.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Il-preżentatur qed jitkellem fuq a) l-arti
b) il-krafts
ċ) il-qari.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija :

**Il-preżentatur qed jitkellem fuq il-krafts.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Lit-tfal qed jispjegalhom kif jagħmlu a) karozza tal-kartun
b) umbrella tal-karti
ċ) paraxut tal-logħob.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Id-drapp jew il-plastik trid tkun f'forma
a) kwadra
b) tonda
ċ) ovali.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

X'ma jistgħux jorbtu t-tfal mat-truf l-oħra tal-ispag?
a) pupu tal-plastik
b) labra tal-inxir
ċ) biċċa ħadida.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Jekk it-tfal iwaddbu l-paraxut 'il fuq, dan
a) jibqa' fejn hu
b) jibqa' tiela' 'l fuq
ċ) jerġa jinzel bil-mod il-mod.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Fejn jistgħu jitilgħu t-tfal biex iwaddbu l-paraxut għal isfel?
a) fuq xi muntanja
b) fuq is-sodda
ċ) fuq xi bejt jew gallarija.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Biex jagħmlu paraxut it-tfal għandhom bżonn biċċa drapp jew plastik **irqiqa**.
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

Id-__________ jew il-plastik trid tkun id-daqs ta' __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

L-__________ biċċiet __________ iridu jkunu kollha __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

L-oġġett li jorbtu mat-_________ tal-ispag ma jridx ikun __________ ħafna.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

It-tfal jistgħu iżommu l-paraxut __________ f'idejhom u jwaddbuh 'il __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

Importanti li jekk it-tfal imorru x'imkien fil-għoli ma ____________.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

**Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Tfal, illum fir-rokna tal-krafts se naraw kif tistgħu tagħmlu paraxut tal-logħob.

L-ewwelnett għandkom bżonn biċċa drapp jew plastik irqiqa kwadra d-daqs ta' maktur. Aqtgħu erba' biċċiet spag indaqs ta' madwar ħamsin ċentimetru u orbtu t-tarf ta' kull spaga mal-erba' ponot tad-drapp jew tal-plastik. Mat-truf l-oħra tal-ispag tistgħu torbtu xi rukkell, labra tal-inxir jew xi pupu żgħir tal-plastik. Importanti li l-oġġett li torbtu ma jkunx tqil ħafna. Issa l-paraxut ikun lest biex tilagħbu bih.

Tistgħu żżommuh ponn f'idejkom, titfgħuh 'il fuq kemm tifilħu u toqogħdu tħarsu lejh nieżel lura bil-mod il-mod jew tistgħu tmorru x'imkien fil-għoli, bħal xi bejt jew gallarija, twaddbu l-paraxut għal isfel u tarawh nieżel ħelu ħelu. Importanti ħafna li jekk tmorru x'imkien fil-għoli ma tixxabbtux.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Se nerġa naqralek taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Il-preżentatur qed jitkellem fuq
a) l-arti
b) il-krafts
ċ) il-qari.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija :

**Il-preżentatur qed jitkellem fuq il-krafts.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Lit-tfal qed jispjegalhom kif jagħmlu
a) karozza tal-kartun
b) umbrella tal-karti
ċ) paraxut tal-logħob.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Id-drapp jew il-plastik trid tkun f'forma

a) kwadra
b) tonda
ċ) ovali.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

X'ma jistgħux jorbtu t-tfal mat-truf l-oħra tal-ispag?

a) pupu tal-plastik
b) labra tal-inxir
ċ) biċċa ħadida.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Jekk it-tfal iwaddbu l-paraxut 'il fuq, dan

a) jibqa' fejn hu
b) jibqa' tiela' 'l fuq
ċ) jerġa jinzel bil-mod il-mod.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Fejn jistgħu jitilgħu t-tfal biex iwaddbu l-paraxut għal isfel?

a) fuq xi muntanja
b) fuq is-sodda
ċ) fuq xi bejt jew gallarija.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.
Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Biex jagħmlu paraxut it-tfal għandhom bżonn biċċa drapp jew plastik **<u>irqiqa</u>**.
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

Id-__________ jew il-plastik trid tkun id-daqs ta' __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

L-__________ biċċiet __________ iridu jkunu kollha __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

L-oġġett li jorbtu mat-__________ tal-ispag ma jridx ikun ___________ ħafna.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

It-tfal jistgħu iżommu l-paraxut ___________ f'idejhom u jwaddbuh 'il ___________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

Importanti li jekk it-tfal imorru x'imkien fil-għoli ma _____________.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

**Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.**

**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 17 u paġna 18 tal-ktieb.

Waqfa ta' 5 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Waqfa ta' 45 sekonda

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tat-Tieni Silta

Sebaħ is-Sibt filgħodu u kienet se tibda l-ġimgħa kastig ta' Robin u sħabu. L-ommijiet tat-tfal kollha kienu jafu bl-istorja għax Miss Borġ kienet bagħtet għalihom u qaltilhom x'kien ġara. Ftiehmet magħhom illi kull omm tagħti kastig ta' ġimgħa lit-tifel tagħha billi ma tħallihx joħroġ mid-dar wara l-iskola.

Mill-iskola għad-dar u mid-dar għall-iskola biss. U hi kienet se żżommhom wara l-ħin fl-iskola jagħmlu x-xogħol.

"Evviva!" qal Piżellu f'qalbu. "Għandi ġimgħa mistrieħ. Minn hawn ġewwa Robin ma jista' jagħmel xejn biex jidħol fl-inkwiet. Ommu qisha seqer fuqu. Ġejja u sejra fil-kamra tiegħu biex tara x'inhu jagħmel. U l-bieb ta' barra msakkar. Qisu qiegħed f'ħabs."

Tmattar waħda kbira u firex il-ġwienaħ għal tulhom kollu. Imbagħad poġġa fl-art ħdejn is-sodda ta' Robin. Dan it-tifel tant imqareb illum kien jidher kwiet u denbu taħt il-blata.

"Daqt nieħu nagħsa żgħira," qal f'qalbu l-Anġlu. "Inħossni bla saħħa daqs kemm tħabatt miegħu lbieraħ."

Ġabar il-libsa madwaru u kien se jibda jongħos meta f'daqqa waħda għaddielu ħsieb minn moħħu.

"Taf x'nagħmel! Immur dawra! Illejla nilħaq norqod. Ħadd ma jkun jaf għax illum hawn ommu għassa miegħu. Nieħu vaganza. Ħaqqni nitlaq ftit għall-kwiet fuq kollox."

Ma ħasibhiex darbtejn. Fetaħ ġwenħajh u tar minn ġot-tieqa għal barra.

Tela' fil-għoli kemm seta'.

"Aħjar intir fil-għoli! Dakinhar li tirt fil-baxx dak il-kaċċatur ħasibni għasfur u sparali. Imlieli l-patata biċ-ċomb. Ma rridx nerġa' ngħaddi minn gażiba bħal dik."

Tkerrah meta ftakar kemm kien dam it-tabib biex neħħielu ċ-ċomb kollu.

Li nesa kien li bħala Anġlu Kustodju kien spirtu u ħadd ma seta' jarah. U għax nesa dan il-fatt importanti daħal f'basla oħra bla ħsieb.

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Marianne Tabone* L-Avventuri tal-Anġlu Piżellu

**Issa se jinqara taħriġ A.**

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'**Kolonna A**, f'numru wieħed, naqraw:

**Il-ġimgħa kastig tat-tfal kienet se tibda …**

F'**Kolonna B** din is-sentenza tkompli …

**… is-Sibt filgħodu.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi :

**Il-ġimgħa kastig tat-tfal kienet se tibda is-Sibt filgħodu.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | Omm Robin … |
| Numru tlieta: | Il-bieb ta' barra tad-dar ta' Robin … |
| Numru erbgħa: | Piżellu kien se jibda jogħnos … |
| Numru ħamsa: | Il-kaċċatur ħaseb … |
| Numru sitta: | Piżellu tar għal barra … |

**Issa se naqralek Kolonna B:**

… imma għaddielu ħsieb minn moħħu.
… minn ġot-tieqa.
… kienet qisha seqer fuqu.
… li Piżellu kien għasfur.
… is-Sibt filgħodu.
… kien imsakkar.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

X'kien jisimha l-għalliema ta' Robin u sħabu?
Ir-risposta li ktibt għal din il-mistoqsija hija:
Miss Borġ.
Issa ngħaddu għall-kumplament tal-mistoqsijiet u tista' tweġibhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

X'kastig kienet se ttihom l-għalliema lit-tfal?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

X'kien Piżellu?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Fejn poġġa Piżellu wara li tmattar waħda kbira?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

X'iddeċieda li jagħmel Piżellu?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

Min neħħielu ċ-ċomb lil Piżellu?

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa se terġa' tinqara t-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.**

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.
Il-Qari tat-Tieni Silta

Sebaħ is-Sibt filgħodu u kienet se tibda l-ġimgħa kastig ta' Robin u sħabu. L-ommijiet tat-tfal kollha kienu jafu bl-istorja għax Miss Borġ kienet bagħtet għalihom u qaltilhom x'kien ġara. Ftiehmet magħhom illi kull omm tagħti kastig ta' ġimgħa lit-tifel tagħha billi ma tħallihx joħroġ mid-dar wara l-iskola.

Mill-iskola għad-dar u mid-dar għall-iskola biss. U hi kienet se żżommhom wara l-ħin fl-iskola jagħmlu x-xogħol.

"Evviva!" qal Piżellu f'qalbu. "Għandi ġimgħa mistrieħ. Minn hawn ġewwa Robin ma jista' jagħmel xejn biex jidħol fl-inkwiet. Ommu qisha seqer fuqu. Ġejja u sejra fil-kamra tiegħu biex tara x'inhu jagħmel. U l-bieb ta' barra msakkar. Qisu qiegħed f'ħabs."

Tmattar waħda kbira u firex il-ġwienaħ għal tulhom kollu. Imbagħad poġġa fl-art ħdejn is-sodda ta' Robin. Dan it-tifel tant imqareb illum kien jidher kwiet u denbu taħt il-blata.

"Daqt nieħu nagħsa żgħira," qal f'qalbu l-Anġlu. "Inħossni bla saħħa daqs kemm tħabatt miegħu lbieraħ."

Ġabar il-libsa madwaru u kien se jibda jongħos meta f'daqqa waħda għaddielu ħsieb minn moħħu.

"Taf x'nagħmel! Immur dawra! Illejla nilħaq norqod. Ħadd ma jkun jaf għax illum hawn ommu għassa miegħu. Nieħu vaganza. Ħaqqni nitlaq ftit għall-kwiet fuq kollox."

Ma ħasibhiex darbtejn. Fetaħ ġwenħajh u tar minn ġot-tieqa għal barra.

Tela' fil-għoli kemm seta'.

"Aħjar intir fil-għoli! Dakinhar li tirt fil-baxx dak il-kaċċatur ħasibni għasfur u sparali. Imlieli l-patata biċ-ċomb. Ma rridx nerġa' ngħaddi minn gażiba bħal dik."

Tkerrah meta ftakar kemm kien dam it-tabib biex neħħielu ċ-ċomb kollu.

Li nesa kien li bħala Anġlu Kustodju kien spirtu u ħadd ma seta' jarah. U għax nesa dan il-fatt importanti daħal f'basla oħra bla ħsieb.

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Marianne Tabone* L-Avventuri tal-Anġlu Piżellu

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.
L-ewwel waħda hija eżempju.
F'**Kolonna A**, f'numru wieħed, naqraw:

**Il-ġimgħa kastig tat-tfal kienet se tibda …**

F'**Kolonna B** din is-sentenza tkompli …

**… is-Sibt filgħodu.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa taʼ ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi :

**Il-ġimgħa kastig tat-tfal kienet se tibda is-Sibt filgħodu.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tistaʼ tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | Omm Robin … |
| Numru tlieta: | Il-bieb taʼ barra tad-dar taʼ Robin … |
| Numru erbgħa: | Piżellu kien se jibda jogħnos … |
| Numru ħamsa: | Il-kaċċatur ħaseb … |
| Numru sitta: | Piżellu tar għal barra … |

**Issa se naqralek Kolonna B:**

… imma għaddielu ħsieb minn moħħu.

… minn ġot-tieqa.

… kienet qisha seqer fuqu.

… li Piżellu kien għasfur.

… is-Sibt filgħodu.

… kien imsakkar.

Waqfa taʼ 3 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

X'kien jisimha l-għalliema taʼ Robin u sħabu?

Ir-risposta li ktibt għal din il-mistoqsija hija:

Miss Borġ.

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-mistoqsijiet u tistaʼ tweġibhom.

Waqfa taʼ 3 sekondi

**Numru tnejn:**

X'kastig kienet se ttihom l-għalliema lit-tfal?

Waqfa taʼ 5 sekondi

**Numru tlieta:**

X'kien Piżellu?

Waqfa taʼ 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Fejn poġġa Piżellu wara li tmattar waħda kbira?

Waqfa taʼ 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

X'iddeċieda li jagħmel Piżellu?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

Min neħħielu ċ-ċomb lil Piżellu?

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. Test Numru erbgħa spiċċa.**

# Test Numru ħamsa

Matul din is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-ktieb waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.**

Issa, nitolbok tiftaħ il-ktieb u ssib paġna 19 fejn għandek taħriġ A u paġna 20 fejn għandek taħriġ B

Waqfa ta' 10 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

Waqfa ta' 25 sekonda

**Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Tfal, illum se naqralkom il-poeżija "Paragun" ta' Joseph Sciberras. Tajjeb tkunu tafu li din il-poeżija ma kienet ippubblikata qatt qabel.

**Paragun**

Ħdejn in-nemel ċkejken, iswed,
qisni ġgant;
imma jġibni qisni nanu
l-iljunfant.
Ħdejn bebbuxu jiena niflaħ
daqs Sansun;
imma nħossni mingħajr saħħa
ħdejn l-iljun.
Ħdejn fekruna għandi l-ħeffa
tal-irjieħ;
'mma taċ-ċriev jibdilni l-ġiri
f'raġel xiħ.
Ħdejn tarbija jiena bravu
daqs mitejn,
'mma ħdejn ommi kważi kważi
ma naf xejn.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se naqralek taħriġ A.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Ħdejn in-nemel il-poeta jħossu żgħir ħafna. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Din **Falz**. Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt Falz.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Il-poeta jħossu kważi ma jaf xejn ħdejn missieru.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Hu għandu ħutu subien u bniet.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Ħdejn iċ-ċriev il-poeta jħossu qisu raġel xiħ.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Il-poeta jrabbi kelb id-dar.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

F'din il-poeżija jissemmew ħafna annimali.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Din il-poeżija jisimha a) L-annimali
b) Paragun
ċ) Kif inħossni jien.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.
Is-sentenza sħiħa hija :
**Din il-poeżija jisimha Paragun.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Din il-poeżija a) dehret qabel fi ktieb tal-poeżiji
b) kienet ippubblikata fil-magażin tal-iskola
ċ) ma kienet ippubblikata qatt qabel.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Ħdejn bebbuxu l-poeta jħossu b'saħħtu daqs
a) Sansun
b) ġgant
ċ) dinosawru.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Ħdejn l-iljun il-poeta jħossu
a) żgħir ħafna
b) imbeżżà
ċ) bla saħħa.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Il-poeta jħossu nanu ħdejn
a) in-nemel
b) l-iljunfant
ċ) il-fekruna.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

F'din il-poeżija l-poeta jsemmi
a) lil ommu
b) lil missieru
ċ) lil ħutu.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

**Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Tfal, illum se naqralkom il-poeżija "Paragun" ta' Joseph Sciberras. Tajjeb tkunu tafu li din il-poeżija ma kienet ippubblikata qatt qabel.

**Paragun**

Ħdejn in-nemel ċkejken, iswed,
qisni ġgant;
imma jġibni qisni nanu
l-iljunfant.
Ħdejn bebbuxu jiena niflaħ
daqs Sansun;
imma nħossni mingħajr saħħa
ħdejn l-iljun.
Ħdejn fekruna għandi l-ħeffa
tal-irjieħ;
'mma taċ-ċriev jibdilni l-ġiri
f'raġel xiħ.
Ħdejn tarbija jiena bravu
daqs mitejn,
'mma ħdejn ommi kważi kważi
ma naf xejn.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Ħdejn in-nemel il-poeta jħossu żgħir ħafna. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?
Din **Falz**. Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt Falz.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Il-poeta jħossu kważi ma jaf xejn ħdejn missieru.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Hu għandu ħutu subien u bniet.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Ħdejn iċ-ċriev il-poeta jħossu qisu raġel xiħ.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Il-poeta jrabbi kelb id-dar.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

F'din il-poeżija jissemmew ħafna annimali.
Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.
Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Din il-poeżija jisimha a) L-annimali
b) Paragun
ċ) Kif inħossni jien.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija :

**Din il-poeżija jisimha Paragun.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Din il-poeżija a) dehret qabel fi ktieb tal-poeżiji
b) kienet ippubblikata fil-magażin tal-iskola
ċ) ma kienet ippubblikata qatt qabel.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Ħdejn bebbuxu l-poeta jħossu b'saħħtu daqs
a) Sansun
b) ġgant
ċ) dinosawru.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Ħdejn l-iljun il-poeta jħossu

a) żgħir ħafna
b) imbeżża'
ċ) bla saħħa.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Il-poeta jħossu nanu ħdejn

a) in-nemel
b) l-iljunfant
ċ) il-fekruna.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

F'din il-poeżija l-poeta jsemmi

a) lil ommu
b) lil missieru
ċ) lil ħutu.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta.**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 21 u paġna 22 tal-ktieb.

Waqfa ta' 5 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Waqfa ta' 45 sekonda

**Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tat-Tieni Silta

Il-ħsieb ta' Paul kien li jiltaqgħu ġol-kamra tagħhom fl-għalqa bit-tama li dak ir-raġel li darba kien ġie jissemma' jerġa' jiġi u b'hekk ikunu jistgħu jagħtuh informazzjoni falza biex jibagħtuh x'imkien ifittex is-salib. B'hekk huma jkunu jistgħu jmorru qablu u jsiru jafu min hu. Dan dejjem jekk dak ir-raġel kien l-istess wieħed tal-arloġġ ileqq u jekk kien għadu ma sabx is-salib tad-deheb!

Iżda lkoll qablu li ma kienu se jitilfu xejn billi jippruvaw għax ma tistax tgħid x'jiġri.

L-għada filgħaxija Rita u Doris telqu lejn il-"kamra" flimkien ma' Victor.

Ftit wara ngħaqad magħhom Salvu. Paul kien mistoħbi wara ċint qrib il-kamra jistenna li dak ir-raġel misterjuż jerġa' jiġi. Hu kien miftiehem ma' sħabu li jekk jilmaħ xi ħaġa kellu jagħmlilhom sinjal billi jitfa' ġebla żgħira minn ġot-tieqa tal-kamra. F'dan il-każ it-tfal kellhom jibdew jitħaddtu u jgħidu li kienu jafu fejn hu s-salib u jsemmu post f'tarf ir-raħal fejn kien hemm l-għerien.

Għaddiet siegħa, sagħtejn u milli jidher dak ir-raġel ma kien se jidher qatt. Paul ħassu mdejjaq għall-aħħar għax wara kollox dan il-ħsieb tiegħu kien falla. Min-naħa l-oħra ma kinux se jkunu jafu min kien dak ir-raġel misterjuż li seta' jwassalhom biex isolvu l-misteru.

"Mid-dehra m'għamilna xejn!" qal Victor li bin-nervi li kellu beda jdur mal-kamra qisu farfett il-lejl idur ma' xi bozza.

"Qed naħlu ż-żmien għalxejn," qal Salvu.

"Jien naħseb li aħjar immorru 'l hemm mela," kompliet Rita li bdiet tinkwieta għax kien sar il- ħin.

"Tridx insejħu 'l Paul?" qaltilhom Doris.

"Naħseb li aħjar," qalet Rita u qamet minn fejn kienet biex tmur tiftaħ il-bieb tal-kamra. Salvu mar jittawwal mit-tieqa u jilmaħ lil Paul li kien ġej lura.

"Kollu għalxejn," qalilhom Paul, "ikollna nammettu li l-pjan falla. Xi trid tagħmel! Ippruvajna u ma rnexxilniex!"

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Charles Casha* Is-Salib tad-Deheb.

**Issa se jinqara taħriġ A.**

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.
Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru 1 fil-kaxxa ta' ħdejha.
Għalhekk inti għandek tuża n-numri minn 2 sa 6.
Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija:
**Filgħaxija Rita, Doris, u Victor telqu lejn il-kamra.**

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn:
**Paul kien mistoħbi wara ċint viċin il-kamra.**
**Paul mar fil-kamra ħdejn sħabu.**
**Filgħaxija Rita, Doris u Victor telqu lejn il-kamra.**
**Paul ħassu mdejjaq għax il-ħsieb tiegħu kien falla.**
**Għaddew sagħtejn u r-raġel baqa' ma tfaċċax.**
**Salvu mar fil-kamra ftit warajhom.**

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Paul ħareġ bil-ħsieb li l-ħbieb kellhom jiltaqgħu ġol-kamra fl-għalqa.
Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

Jekk dak ir-raġel kien se jerġa' jmur jissemma', it-tfal kienu se jtuh __________ __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Ir-raġel li kien mar jissemma' kellu __________ __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Jekk Paul jara xi ħaġa, hu kellu jagħmel sinjal lil sħabu billi jitfa' __________ __________ minn ġot-tieqa tal-kamra.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Ir-raġel __________ seta' jwassalhom biex isolvu l-__________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

Meta Victor għamel in-nervi beda jdur mal-kamra qisu ________ il-lejl idur ma' xi __________.

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa se terġa' tinqara t-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.**

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

Il-Qari tat-Tieni Silta

Il-ħsieb ta' Paul kien li jiltaqgħu ġol-kamra tagħhom fl-għalqa bit-tama li dak ir-raġel li darba kien ġie jissemma' jerġa' jiġi u b'hekk ikunu jistgħu jagħtuh informazzjoni falza biex jibagħtuh x'imkien ifittex is-salib. B'hekk huma jkunu jistgħu jmorru qablu u jsiru jafu min hu. Dan dejjem jekk dak ir-raġel kien l-istess wieħed tal-arloġġ ileqq u jekk kien għadu ma sabx is-salib tad-deheb!

Iżda lkoll qablu li ma kienu se jitilfu xejn billi jippruvaw għax ma tistax tgħid x'jiġri.

L-għada filgħaxija Rita u Doris telqu lejn il-"kamra" flimkien ma' Victor.

Ftit wara ngħaqad magħhom Salvu. Paul kien mistoħbi wara ċint qrib il-kamra jistenna li dak ir-raġel misterjuż jerġa' jiġi. Hu kien miftiehem ma' sħabu li jekk jilmaħ xi ħaġa kellu jagħmlilhom sinjal billi jitfa' ġebla żgħira minn ġot-tieqa tal-kamra. F'dan il-każ it-tfal kellhom jibdew jitħaddtu u jgħidu li kienu jafu fejn hu s-salib u jsemmu post f'tarf ir-raħal fejn kien hemm l-għerien.

Għaddiet siegħa, sagħtejn u milli jidher dak ir-raġel ma kien se jidher qatt. Paul ħassu mdejjaq għall-aħħar għax wara kollox dan il-ħsieb tiegħu kien falla. Min-naħa l-oħra ma kinux se jkunu jafu min kien dak ir-raġel misterjuż li seta' jwassalhom biex isolvu l-misteru.

"Mid-dehra m'għamilna xejn!" qal Victor li bin-nervi li kellu beda jdur mal-kamra qisu farfett il-lejl idur ma' xi bozza.

"Qed naħlu ż-żmien għalxejn," qal Salvu.

"Jien naħseb li aħjar immorru 'l hemm mela," kompliet Rita li bdiet tinkwieta għax kien sar il- ħin.

"Tridx insejħu 'l Paul?" qaltilhom Doris.

"Naħseb li aħjar," qalet Rita u qamet minn fejn kienet biex tmur tiftaħ il-bieb tal-kamra. Salvu mar jittawwal mit-tieqa u jilmaħ lil Paul li kien ġej lura.

"Kollu għalxejn," qalilhom Paul, "ikollna nammettu li l-pjan falla. Xi trid tagħmel! Ippruvajna u ma rnexxilniex!"

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Charles Casha* Is-Salib tad-Deheb.

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru 1 fil-kaxxa ta' ħdejha.

Għalhekk inti għandek tuża n-numri minn 2 sa 6.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija:

**Filgħaxija Rita, Doris u Victor telqu lejn il-kamra.**

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn:

**Paul kien mistoħbi wara ċint viċin il-kamra.**

**Paul mar fil-kamra ħdejn sħabu.**

**Filgħaxija Rita, Doris u Victor telqu lejn il-kamra.**

**Paul ħassu mdejjaq għax il-ħsieb tiegħu kien falla.**

**Għaddew sagħtejn u r-raġel baqa' ma tfaċċax.**

**Salvu mar fil-kamra ftit warajhom.**

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Paul ħareġ bil-ħsieb li l-ħbieb kellhom jiltaqgħu ġol-kamra fl-għalqa.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

Jekk dak ir-raġel kien se jerġa' jmur jissemma', it-tfal kienu se jtuh ___________ ___________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Ir-raġel li kien mar jissemma' kellu ___________ ___________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Jekk Paul jara xi ħaġa, hu kellu jagħmel sinjal lil sħabu billi jitfa' ___________ ___________ minn ġot-tieqa tal-kamra.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Ir-raġel ___________ seta' jwassalhom biex isolvu l-___________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

Meta Victor għamel in-nervi beda jdur mal-kamra qisu _________ il-lejl idur ma' xi ___________.

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. Test Numru ħamsa spiċċa.**

# Test Numru sitta

Matul din is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-ktieb waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.**

Issa nitolbok tiftaħ il-ktieb u ssib paġna 23 fejn għandek taħriġ A u paġna 24 fejn għandek taħriġ B.

Waqfa ta' 10 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

Waqfa ta' 25 sekonda

**Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Il-pulizija għaddejja bl-investigazzjoni tagħha biex tara x'kienet il-kawża tan-nirien li ħakmu dar kbira abbandunata li tinsab f'tarf ir-raħal.

Dan il-każ kellu l-bidu tiegħu nhar il-Ġimgħa filgħodu kmieni meta John, raġel ta' tletin sena kien qed jagħmel il-mixja tas-soltu. Hekk kif wasal qrib din id-dar innota li minn wara l-persjani tat-twieqi kien ħiereġ id-duħħan. Kif ra hekk mar għand iz-zija tiegħu li toqgħod qrib u ċempel lil tal-Protezzjoni Ċivili.

Fi ftit ħin fuq il-post waslu żewġ karozzi tat-tifi tan-nar. Sa dak il-ħin in-nar kien laħaq infirex sewwa u l-pumpiera kellhom jitħabtu mhux ftit biex jikkontrollawh. Wara tliet sigħat huma rnexxielhom jitfu n-nar għal kollox u kien jidher ċar li d-dar kienet ġarrbet ħsarat kbar.

L-ispettur tal-għassa tar-raħal qal li hemm żewġ persuni li qed jgħinu lill-pulizija fl-istħarriġ.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se naqralek taħriġ A.**

Ħares lejn dawn l-istampi u taħt kull waħda ikteb sentenza qasira skont l-istorja li għadek kemm smajt.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Stampa Numru wieħed.**

Taħt din l-istampa ktibt din is-sentenza :

**Il-pulizija qed tipprova ssib x'kienet il-kawża tan-nirien.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-istampi u tista' taħdem l-eżerċizzju.

**Stampa Numru tnejn.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa Numru tlieta.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa Numru erbgħa.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa Numru ħamsa.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa Numru sitta.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Id-dar li nħakmet minn nirien tinsab fil –pjazza tar-raħal. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?
Din **Falz.** Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Falz**.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

John għandu xi erbgħin sena. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**
John ċempel lil tal-Protezzjoni Ċivili mid-dar taz-zija tiegħu. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**
Fuq il-post waslu tliet karozzi tat-tifi tan-nar. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**
Kien hemm sitt pumpiera jippruvaw jitfu n-nar. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Hemm żewġ persuni qed jgħinu lill-pulizija fl-istħarriġ. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

**Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Il-pulizija għaddejja bl-investigazzjoni tagħha biex tara x'kienet il-kawża tan-nirien li ħakmu dar kbira abbandunata li tinsab f'tarf ir-raħal.

Dan il-każ kellu l-bidu tiegħu nhar il-Ġimgħa filgħodu kmieni meta John, raġel ta' tletin sena kien qed jagħmel il-mixja tas-soltu. Hekk kif wasal qrib din id-dar innota li minn wara l-persjani tat-twieqi kien ħiereġ id-duħħan. Kif ra hekk mar għand iz-zija tiegħu li toqgħod qrib u ċempel lil tal-Protezzjoni Ċivili.

Fi ftit ħin fuq il-post waslu żewġ karozzi tat-tifi tan-nar. Sa dak il-ħin in-nar kien laħaq infirex sewwa u l-pumpiera kellhom jitħabtu mhux ftit biex jikkontrollawh. Wara tliet sigħat huma rnexxielhom jitfu n-nar għal kollox u kien jidher ċar li d-dar kienet ġarrbet ħsarat kbar.

L-ispettur tal-għassa tar-raħal qal li hemm żewġ persuni li qed jgħinu lill-pulizija fl-istħarriġ.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni darba u għall-aħħar darba.**

Ħares lejn dawn l-istampi u taħt kull waħda ikteb sentenza qasira skont l-istorja li għadek kemm smajt.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Stampa Numru wieħed.**

Taħt din l-istampa ktibt din is-sentenza :
**Il-pulizija qed tipprova ssib x'kienet il-kawża tan-nirien.**
Issa ngħaddu għall-kumplament tal-istampi u tista' taħdem l-eżerċizzju.

**Stampa Numru tnejn.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa Numru tlieta.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa Numru erbgħa.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa Numru ħamsa.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Stampa Numru sitta.**

Waqfa ta' 10 sekondi

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Id-dar li nħakmet minn nirien tinsab fil –pjazza tar-raħal. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?
Din **Falz.** Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Falz**.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

John għandu xi erbgħin sena. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**
John ċempel lil tal-Protezzjoni Ċivili mid-dar taz-zija tiegħu. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**
Fuq il-post waslu tliet karozzi tat-tifi tan-nar. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**
Kien hemm sitt pumpiera jippruvaw jitfu n-nar. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Hemm żewġ persuni qed jgħinu lill-pulizija fl-istħarriġ. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.
**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta**

Nitolbok issib paġna 25 u paġna 26 tal-ktieb.

Waqfa ta' 5 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Waqfa ta' 45 sekonda

**Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tat-Tieni Silta

Il-bidwi kellu razzett mimli annimali. Kellu tiġieġ, fniek, papri u dundjani.

Kellu wkoll ħmara u tliet baqriet. Madwar ir-razzett il-bidwi kellu għalqa kbira.

Kienet miżrugħa bil-ħaxix għall-ikel. Mad-dawra kollha kellu wkoll siġar tal-frott. Kien hemm dwieli u siġar tal-larinġ u t-tuffieħ.

Il-bidwi u martu kienu jaħdmu iebes. Ix-xogħol tal-bidwi mhuwiex xogħol ħafif. Kienu jibdew jaħdmu minn filgħodu kmieni. Jieqfu mix-xogħol meta jibda jidlam. Imma kienu nies kuntenti. Ma kien jonqoshom xejn. Iżda l-akbar ferħ tagħhom kienet binthom Anġelina.

Din kienet l-unika tifla tagħhom. Kienu jħobbuha daqs dawl għajnejhom.

Kemm kienet tħobb l-annimali! Meta kibret ftit bdiet titma' t-tiġieġ u l-fniek.

Il-papri kienu jiġru warajha biex jieklu. Anki lill-ħmar kienet titma'.

Anġelina kienet tħobb ħafna lil waħda mill-baqar. Kienet semmietha Boċċa għax kienet ħoxna. oċċa kien ikollha ħafna ħalib. Il-bidwi kien jieħu l-ħalib is-suq. Mhux ta' Boċċa biss iżda anki tat-tnejn l-oħra. Il-ħalib kien jinbiegħ fis-suq u kien iġibilhom il-flus biex ikollhom biex jgħixu.

Darba Anġelina qalet lil ommha, "Ma', ħa naħlibha jien lil Boċċa. Issa li kbirt naf kif."

"Żgur li taf kif! Ilek tant tarana," qaltilha ommha. "Mela mil-lum 'il quddiem ħu ħsieb Boċċa int. It-tnejn l-oħra nibqa' nieħu ħsiebhom jien."

"Nista' nibda minn għada stess?"

"Iva. Hekk kif taħlibha, mur is-suq bil-ħalib," qaltilha ommha. "Issa inti kbirt biżżejjed. Taf tmur waħdek is-suq. Il-flus li taqla' onfoqhom għalik. Imma din id-darba biss. Biex tibqa' tiftakar l-ewwel darba li mort is-suq waħdek."

Kemm ħadet pjaċir Anġelina! Bil-lejl ma setgħetx torqod bil-ħsieb. Bdiet taħseb x'ħa tagħmel bil-flus tal-ħalib. Qatt ma kellha flus tagħha. Ommha u missierha dejjem xtrawlha kulma kellha bżonn. Imma tgħid kif se tonfoq dawk il-flus?

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Tony C. Cutajar* Ħrejjef Sbieħ

**Issa se jinqara taħriġ A.**

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Madwar ir-razzett il-bidwi kellu …**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli …

**… għalqa kbira.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta’ ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Madwar ir-razzett il-bidwi kellu għalqa kbira.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista’ tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | **Il-bidwi u martu kienu …** |
| Numru tlieta: | **Il-papri …** |
| Numru erbgħa: | **Darba t-tifla xtaqet …** |
| Numru ħamsa: | **L-omm qalet lit-tifla …** |
| Numru sitta: | **It-tifla tant ħadet pjaċir …** |

Issa se tinqara **Kolonna B:**

**… li taħleb lil Boċċa hi.**
**… għalqa kbira.**
**… biex tmur is-suq tbigħ il-ħalib.**
**… kienu jiġru wara t-tifla biex jieklu.**
**… li ma setgħetx torqod bil-lejl.**
**… jibdew jaħdmu minn filgħodu kmieni.**

Waqfa ta’ 5 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Biex kien mimli r-razzett tal-bidwi?

Ir-risposta li ktibt għal din il-mistoqsija hija:

**Bl-annimali.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-mistoqsijiet u tista’ tweġibhom.

Waqfa ta’ 3 sekondi

**Numru tnejn:**

X’kien jisimha t-tifla tal-bidwi?

Waqfa ta’ 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Kemm kellu baqar il-bidwi?

Waqfa ta’ 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

X’isem kellha waħda mill-baqar?

Waqfa ta’ 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Il-bidwi u martu minn fejn kienu jġibu l-flus biex jgħixu?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

It-tifla kienet taf kif se tonfoq il-flus li kienet se taqla'?

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa se terġa' tinqara t-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.**

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.
Il-Qari tat-Tieni Silta

Il-bidwi kellu razzett mimli annimali. Kellu tiġieġ, fniek, papri u dundjani.

Kellu wkoll ħmara u tliet baqriet. Madwar ir-razzett il-bidwi kellu għalqa kbira.

Kienet miżrugħa bil-ħaxix għall-ikel. Mad-dawra kollha kellu wkoll siġar tal-frott. Kien hemm dwieli u siġar tal-laring u t-tuffieħ.

Il-bidwi u martu kienu jaħdmu iebes. Ix-xogħol tal-bidwi mhuwiex xogħol ħafif. Kienu jibdew jaħdmu minn filgħodu kmieni. Jieqfu mix-xogħol meta jibda jidlam. Imma kienu nies kuntenti. Ma kien jonqoshom xejn. Iżda l-akbar ferħ tagħhom kienet binthom Anġelina.

Din kienet l-unika tifla tagħhom. Kienu jħobbuha daqs dawl għajnejhom.

Kemm kienet tħobb l-annimali! Meta kibret ftit bdiet titma' t-tiġieġ u l-fniek.

Il-papri kienu jiġru warajha biex jieklu. Anki lill-ħmar kienet titma'.

Anġelina kienet tħobb ħafna lil waħda mill-baqar. Kienet semmietha Boċċa għax kienet ħoxna. oċċa kien ikollha ħafna ħalib. Il-bidwi kien jieħu l-ħalib is-suq. Mhux ta' Boċċa biss iżda anki tat-tnejn l-oħra. Il-ħalib kien jinbiegħ fis-suq u kien iġibilhom il-flus biex ikollhom biex jgħixu.

Darba Anġelina qalet lil ommha, "Ma', ħa naħlibha jien lil Boċċa. Issa li kbirt naf kif."

"Żgur li taf kif! Ilek tant tarana," qaltilha ommha. "Mela mil-lum 'il quddiem ħu ħsieb Boċċa int. It-tnejn l-oħra nibqa' nieħu ħsiebhom jien."

"Nista' nibda minn għada stess?"

"Iva. Hekk kif taħlibha, mur is-suq bil-ħalib," qaltilha ommha. "Issa inti kbirt biżżejjed. Taf tmur waħdek is-suq. Il-flus li taqla' onfoqhom għalik. Imma din id-darba biss. Biex tibqa' tiftakar l-ewwel darba li mort is-suq waħdek."

Kemm ħadet pjaċir Anġelina! Bil-lejl ma setgħetx torqod bil-ħsieb. Bdiet taħseb x'ħa tagħmel bil-flus tal-ħalib. Qatt ma kellha flus tagħha. Ommha u missierha dejjem xtrawlha kulma kellha bżonn. Imma tgħid kif se tonfoq dawk il-flus?

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Tony C. Cutajar* Ħrejjef Sbieħ

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Madwar ir-razzett il-bidwi kellu …**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli …

**… għalqa kbira.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Madwar ir-razzett il-bidwi kellu għalqa kbira.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | **Il-bidwi u martu kienu …** |
| Numru tlieta: | **Il-papri …** |
| Numru erbgħa: | **Darba t-tifla xtaqet …** |
| Numru ħamsa: | **L-omm qalet lit-tifla …** |
| Numru sitta: | **It-tifla tant ħadet pjaċir …** |

Issa se tinqara **Kolonna B:**

**… li taħleb lil Boċċa hi.**

**… għalqa kbira.**

**… biex tmur is-suq tbigħ il-ħalib.**

**… kienu jiġru wara t-tifla biex jieklu.**

**… li ma setgħetx torqod bil-lejl.**

**… jibdew jaħdmu minn filgħodu kmieni.**

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Biex kien mimli r-razzett tal-bidwi?

Ir-risposta li ktibt għal din il-mistoqsija hija:

**Bl-annimali.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-mistoqsijiet u tista' tweġibhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

X'kien jisimha t-tifla tal-bidwi?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Kemm kellu baqar il-bidwi?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

X'isem kellha waħda mill-baqar?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Il-bidwi u martu minn fejn kienu jġibu l-flus biex jgħixu?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

It-tifla kienet taf kif se tonfoq il-flus li kienet se taqla'?

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. Test Numru sitta spiċċa.**

# Test Numru sebgħa

Matul din is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-ktieb waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.**

Issa nitolbok tiftaħ il-ktieb u ssib paġna 27.

Waqfa ta' 10 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

Waqfa ta' 25 sekonda

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Kienet lejla kiesħa xitwija. Il-baqra u l-ħmara kienu għajjenin u kienu mgeddsin f'rokna ta' għar mudlam u umduż. Dakinhar mingħajr ma jafu għalfejn, ma setgħux jorqdu. F'daqqa waħda jaraw raġel u mara deħlin ġol-għar u ftit wara semgħu bikja ta' tarbija. Il-ħmara tħawdet u ma setgħetx tifhem x'kien qed jiġri, għalhekk staqsiet lill-baqra:

Ħmara: Inti qed tisma' biki ta' tarbija bħali? Donnha li għadha kemm twieldet hawn ġew.

Baqra: Iva qed nismagħha. U mhux hekk biss. Illejla s-sema donnu li hu ċar u mdawwal iktar missoltu.

Ħmara: Issa qed nisma' wkoll kant sabiħ u ħlejju donnu tal-anġli.

Baqra: Xi ġmiel ta' lejl! Donnu li din it-tarbija li għadha kemm twieldet hi speċjali.

Ħmara: Hekk naħseb jien ukoll. Ara issa qed nara lit-tarbija. Kemm hi ħelwa u gustuża!

Baqra: Dawn jidhru li huma nies foqra għax lanqas għandhom biex jgħattu lit-tarbija f'dan il-bard kollu.

Ħmara: Min jaf kieku mmorru nsaħħnuha aħna bin-nifs tagħna?

Baqra: Iva hekk nagħmlu u nkunu qed nagħtu xi ħaġa lil din it-tarbija aħna wkoll f'dan il-lejl tant speċjali.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se naqralek taħriġ A.**

Imla l-vojt f'din it-tabella billi tikteb żewġ kelmiet li smajt fis-silta u li jiddiskrivu l-affarijiet li hemm f'Kolonna A.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

F'**Kolonna A** hemm il-kliem **il-baqra u l-ħmara** u bħala kelma **Numru wieħed** ktibt **għajjenin** u bħala kelma **Numru tnejn** ktibt **imgeddsin**.

Issa se naqralek il-kumplament tal-kliem f'Kolonna A u imla l-vojt fit-tabella.

**Numru tnejn:**

it-tarbija … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta’ 10 sekondi

**Numru tlieta:**

l-għar … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta’ 10 sekondi

**Numru erbgħa:**

il-lejla … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta’ 10 sekondi

**Numru ħamsa:**

il-kant … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta’ 10 sekondi

**Numru sitta:**

is-sema … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta’ 10 sekondi

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru wieħed fil-kaxxa ta’ ħdejha.

Għalhekk inti għandek tuża n-numri minn 2 sa 6.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija:

Kien filgħaxija u kien ħafna bard.

Is-sentenzi f’dan it-taħriġ huma dawn:

Beda jinstema’ wkoll il-kant tal-anġli.

Fl-għar daħlu mara u raġel.

Il-baqra u l-ħmara marru jsaħħnu lit-tarbija bin-nifs tagħhom.

Il-baqra u l-ħmara kienu qed jippruvaw jorqdu fl-għar.

Wara ftit instema’ l-biki ta’ tarbija.

Kien filgħaxija u kien ħafna bard.

Waqfa ta’ 10 sekondi għal min għadu jikteb

**Se nerġa’ naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma’ tista’ tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

Il-Qari tal-Ewwel Silta

Kienet lejla kiesħa xitwija. Il-baqra u l-ħmara kienu għajjenin u kienu mgeddsin f’rokna ta’ għar

mudlam u umduż. Dakinhar mingħajr ma jafu għalfejn, ma setgħux jorqdu. F'daqqa waħda jaraw raġel u mara deħlin ġol-għar u ftit wara semgħu bikja ta' tarbija. Il-ħmara tħawdet u ma setgħetx tifhem x'kien qed jiġri, għalhekk staqsiet lill-baqra:

Ħmara: Inti qed tisma' biki ta' tarbija bħali? Donnha li għadha kemm twieldet hawn ġew.

Baqra: Iva qed nismagħha. U mhux hekk biss. Illejla s-sema donnu li hu ċar u mdawwal iktar mis-soltu.

Ħmara: Issa qed nisma' wkoll kant sabiħ u ħlejju donnu tal-anġli.

Baqra: Xi ġmiel ta' lejl! Donnu li din it-tarbija li għadha kemm twieldet hi speċjali.

Ħmara: Hekk naħseb jien ukoll. Ara issa qed nara lit-tarbija. Kemm hi ħelwa u gustuża!

Baqra: Dawn jidhru li huma nies foqra għax lanqas għandhom biex jgħattu lit-tarbija f'dan il-bard kollu.

Ħmara: Min jaf kieku mmorru nsaħħnuha aħna bin-nifs tagħna?

Baqra: Iva hekk nagħmlu u nkunu qed nagħtu xi ħaġa lil din it-tarbija aħna wkoll f'dan il-lejl tant speċjali.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.**

Imla l-vojt f'din it-tabella billi tikteb żewġ kelmiet li smajt fis-silta u li jiddiskrivu l-affarijiet li hemm f'Kolonna A.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

F'**Kolonna A** hemm il-kliem **il-baqra u l-ħmara** u bħala kelma **Numru wieħed** ktibt **għajjenin** u bħala kelma **Numru tnejn** ktibt **imgeddsin**.

Issa se naqralek il-kumplament tal-kliem f'Kolonna A u imla l-vojt fit-tabella.

**Numru tnejn:**

it-tarbija … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta' 10 sekondi

**Numru tlieta:**

l-għar … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta' 10 sekondi

**Numru erbgħa:**

il-lejla … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta' 10 sekondi

**Numru ħamsa:**

il-kant … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta' 10 sekondi

**Numru sitta:**

is-sema … kelma Numru wieħed u kelma Numru tnejn.

Waqfa ta' 10 sekondi

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Għalhekk inti għandek tuża n-numri minn 2 sa 6.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija:

Kien filgħaxija u kien ħafna bard.

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn:

Beda jinstema' wkoll il-kant tal-anġli.

Fl-għar daħlu mara u raġel.

Il-baqra u l-ħmara marru jsaħħnu lit-tarbija bin-nifs tagħhom.

Il-baqra u l-ħmara kienu qed jippruvaw jorqdu fl-għar.

Wara ftit instema' l-biki ta' tarbija.

Kien filgħaxija u kien ħafna bard.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta**

Nitolbok issib paġna 28 u paġna 29 tal-ktieb.

Waqfa ta' 5 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Waqfa ta' 45 sekonda-

Issa se tinqara t-tieni silta.  Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tat-Tieni Silta

Miss Bella tan-numri kienet qed tittajpja xi somom fuq il-laptop. It-tfal kienu qed jarawhom fuq il-bord u jiktbuhom fuq il-pitazz, minbarra Mandy u Wendy li kienu qed jaħsbu f'żewġ limerikki, wieħed fuq Miss Bella u l-ieħor fuq in-numri, meta f'daqqa waħda, in-numri ta' fuq il-bord bdew jiċċaqalqu. Ftit minnhom bdew jiżfnu, oħrajn bdew jaqbżu u xi ftit minnhom tant qabżu li saħansitra ħarġu mill-bord. Uħud qabżu għal fuq ras Miss Bella, oħrajn għal fuq l-imwejjed tat-tfal. Kulħadd beda jibża' minnhom. Min beda jwerżaq, min beda jibki, min daħal jistaħba taħt il-mejda, min ħareġ fil-kuritur u min kien kuraġġuż biżżejjed li beda jiġġildilhom bil-lapes u bir-riga. Miss Bella kienet intelliġenti biżżejjed biex ħassret in-numri minn fuq il-laptop ħalli ma jiħdux il-ħajja dawk ukoll. Imma n-numri li kienu qed jiġru fil-klassi, kienu aktar intelliġenti minnha u bdew jimmultiplikaw ruħhom u jiżdiedu b'mod mgħaġġel.

F'dak il-ġenn u t-taħwid, Mandy u Wendy kienu l-uniċi tnejn li kienu qed jieħdu gost. Mandy kienet qabdet ma' numru wieħed u beda jgħolliha 'l fuq u jtajjarha 'l hawn u 'l hemm. Wendy kienet bilqiegħda fuq in-numru tnejn tidħak u tħares lejn sħabha kollha mwerwrin.  Miss Bella kienet tidher se tiġġennen.

Bdiet tgħid lit-tfal biex joħorġu barra fil-kuritur sa ma fl-aħħar anki hi rnexxielha tiżgiċċa. In-numri baqgħu jiżżuffjettaw flimkien ma' Mandy u Wendy. It-tfal u Miss Bella ħarbu. Miss Bella ma reġgħet qatt ġiet lura. It-tfal weħħlu f'Mandy u Wendy u s-Surmast eskludiehom mill-iskola darba għal dejjem.

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Clare Azzopardi* Il-każ kważi kollu tal-Aħwa De Molizz.

**Issa se jinqara taħriġ A.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Miss Bella kienet għalliema anzjana. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Din **Ma ssemmietx**. Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Ma ssemmietx**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Mandy u Wendy kienu fl-istess klassi.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3  sekondi

**Numru tlieta:**

F'daqqa waħda n-numri ta' fuq il-bord bdew jiċċaqalqu.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Wara ftit ħin in-numri li kienu qed jiġru fil-klassi bdew jonqsu.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Miss Bella reġgħet marret l-iskola ġimgħa wara.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Mandy u Wendy bdew jieħdu gost jaraw in-numri jaqbżu.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Miss Bella kienet qed tittajpja xi somom fuq il-laptop.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

It-tfal kienu qed jiktbu s-somom fuq il-__________.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Mandy u Wendy kienu qed jaħsbu f'żewġ __________, wieħed fuq __________ __________ u l-ieħor fuq in-__________.

Waqfa ta' 10 sekondi

**Numru erbgħa:**

Wendy kienet bilqiegħda fuq numru __________ u bdiet __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Miss Bella bdiet tgħid lit-tfal biex joħorġu fil-__________.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Is-__________ keċċa lil Mandy u Wendy mill-__________.

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

Issa se terġa' tinqara t-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

Il-Qari tat-Tieni Silta

Miss Bella tan-numri kienet qed tittajpja xi somom fuq il-laptop. It-tfal kienu qed jarawhom fuq il-bord u jiktbuhom fuq il-pitazz, minbarra Mandy u Wendy li kienu qed jaħsbu f'żewġ limerikki, wieħed fuq Miss Bella u l-ieħor fuq in-numri, meta f'daqqa waħda, in-numri ta' fuq il-bord bdew jiċċaqalqu. Ftit minnhom bdew jiżfnu, oħrajn bdew jaqbżu u xi ftit minnhom tant qabżu li saħansitra ħarġu mill-bord. Uħud qabżu għal fuq ras Miss Bella, oħrajn għal fuq l-imwejjed tat-tfal. Kulħadd beda jibża' minnhom. Min beda jwerżaq, min beda jibki, min daħal jistaħba taħt il-mejda, min ħareġ fil-kuritur u min kien kuraġġuż biżżejjed li beda jiġġildilhom bil-lapes u bir-riga. Miss Bella kienet intelliġenti biżżejjed biex ħassret in-numri minn fuq il-laptop ħalli ma jiħdux il-ħajja dawk ukoll. Imma n-numri li kienu qed jiġru fil-klassi, kienu aktar intelliġenti minnha u bdew jimmultiplikaw ruħhom u jiżdiedu b'mod mgħaġġel.

F'dak il-ġenn u t-taħwid, Mandy u Wendy kienu l-uniċi tnejn li kienu qed jieħdu gost. Mandy kienet qabdet ma' numru wieħed u beda jgħolliha 'l fuq u jtajjarha 'l hawn u 'l hemm. Wendy kienet bilqiegħda fuq in-numru tnejn tidħak u tħares lejn sħabha kollha mwerwrin. Miss Bella kienet tidher se tiġġennen.

Bdiet tgħid lit-tfal biex joħorġu barra fil-kuritur sa ma fl-aħħar anki hi rnexxielha tiżgiċċa. In-numri baqgħu jiżżuffjettaw flimkien ma' Mandy u Wendy. It-tfal u Miss Bella ħarbu. Miss Bella ma reġgħet qatt ġiet lura. It-tfal weħħlu f'Mandy u Wendy u s-Surmast eskludiehom mill-iskola darba għal dejjem.

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Clare Azzopardi* Il-każ kważi kollu tal-Aħwa De Molizz.

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Miss Bella kienet għalliema anzjana. Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Din **Ma ssemmietx**. Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Ma ssemmietx**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Mandy u Wendy kienu fl-istess klassi.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

F'daqqa waħda n-numri ta' fuq il-bord bdew jiċċaqalqu.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Wara ftit ħin in-numri li kienu qed jiġru fil-klassi bdew jonqsu.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Miss Bella reġgħet marret l-iskola ġimgħa wara.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Mandy u Wendy bdew jieħdu gost jaraw in-numri jaqbżu.

Veru, Falz, jew Ma ssemmietx?

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Miss Bella kienet qed tittajpja xi somom fuq il-laptop.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

It-tfal kienu qed jiktbu s-somom fuq il-__________.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

Mandy u Wendy kienu qed jaħsbu f'żewġ __________, wieħed fuq __________ __________ u l-ieħor fuq in-__________.

Waqfa ta' 10 sekondi

**Numru erbgħa:**

Wendy kienet bilqiegħda fuq numru __________ u bdiet __________.

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

Miss Bella bdiet tgħid lit-tfal biex joħorġu fil-__________.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Is-__________ keċċa lil Mandy u Wendy mill-__________.

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. Test Numru sebgħa spiċċa.**

# Test Numru tmienja

Matul din is-sessjoni ta' smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-ktieb waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.**

Issa nitolbok tiftaħ il-ktieb u ssib paġna 30 fejn għandek taħriġ A u paġna 31 fejn għandek taħriġ B.

Waqfa ta' 10 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

Waqfa ta' 25 sekonda

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari Tal-Ewwel Silta

Tfal, bħalma wegħidnikom fil-programm tal-ġimgħa l-oħra, din il-ġimgħa se nlaqqgħukom ma' Carmel G. Cauchi, awtur minn Birkirkara li kiteb ħafna kotba għat-tfal.

Intervistatur: Merħba fil-programm tagħna u nirringrazzjawk talli lqajt l-istedina li għamilnielek.

Awtur: Nirringrazzja lilkom li stidintuni f'dan il-programm.

Intervistatur: Kemm kellek żmien meta bdejt tikteb bil-Malti?

Awtur: Jien ili nikteb minn tfuliti imma dak iż-żmien il-kitbiet tiegħi ma kontx nippubblikahom. Fil-fatt ippubblikajt l-ewwel ktieb meta kelli madwar tletin sena.

Intervistatur: X'jismu l-ewwel ktieb li ppubblikajt?

Awtur: L-ewwel ktieb li ppubblikajt kien tal-poeżija għall-kbar u kien jismu *Ħoloq*. Iżda f'dan il-ktieb jien kont ko-awtur għax kien fih poeżiji ta' erba' poeti oħra.

Intervistatur: Fuqhiex tħobb tikteb l-aktar?

Awtur: Jiena nħobb nikteb kemm stejjer kif ukoll poeżiji. L-istejjer inħobb niktibhom fuq il-fantasija jiġifieri fuq affarijiet li mhumiex reali.

Intervistatur: Liema ktieb li ktibt hu l-aktar għal qalbek? Għaliex?

Awtur: Diffiċli biex ngħid għax il-kotba tiegħi qishom uliedi u kollha nħobbhom l-istess. Madanakollu l-ewwel ktieb fis-sensiela ta' Pietru Pitravu hu xi ftit aktar speċjali mill-oħrajn għax hu l-ewwel ktieb li ktibt għat-tfal. U kieku jkolli nagħżel żewġ kotba oħra li huma verament għal qalbi nagħżel *Ramon u Sardinellu* u *Is-Sigriet ta' Għajnejn il-Kobra*.

Intervistatur: Qed tikteb xi ktieb ġdid bħalissa? Jekk iva tista' tgħidilna xi ħaġa fuqu?

Awtur: Bħalissa qed nikteb żewġ kotba li huma rumanz għaż-żgħażagħ u ktieb b'għaxar stejjer oħra fis-sensiela ta' Mastru Gerfex.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa se naqralek taħriġ A**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Carmel G. Cauchi hu minn
a) Ħaż-Żebbuġ
b) Birkirkara
ċ) Ħal Balzan.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija:

Carmel G. Cauchi hu minn Birkirkara.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Numru tnejn:

Hu ppubblika l-ewwel ktieb meta kellu
a) għaxar snin
b) għoxrin sena
ċ) tletin sena.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

L-ewwel ktieb li ppubblika kien
a) poeżiji għat-tfal
b) rumanz
ċ) poeżiji għall-kbar.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Carmel G. Cauchi jħobb jikteb
a) stejjer biss
b) poeżiji biss
ċ) stejjer u poeżiji.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Ktieb li semma' l-awtur f'din l-intervista jismu
a) Is-Sigriet ta' Għajnejn il-Kobra
b) Tfuliti
ċ) Il-poeżiji tiegħi.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Il-ktieb ġdid ta' Mastru Gerfex fih
a) ħames stejjer
b) għaxar stejjer
ċ) tnax-il storja.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju:

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Carmel G. Cauchi ilu jikteb …**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli …

**… minn tfulitu.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Carmel G. Cauchi ilu jikteb minn tfulitu.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | L-ewwel ktieb li ppubblika … |
| Numru tlieta: | L-awtur iħobb jikteb … |
| Numru erbgħa: | L-ewwel ktieb li ppubblika għat-tfal … |
| Numru ħamsa: | *Ramon u Sardinellu* hu ktieb … |
| Numru sitta: | Bħalissa Carmel G. Cauchi … |

Issa se naqralek **Kolonna B:**

… fuq affarijiet li mhumiex reali.

… qed jikteb żewġ kotba.

… kien jismu *Ħoloq*.

… għal qalb l-awtur.

… minn tfulitu.

… kien dwar Pietru Pitravu.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

**Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

Il-Qari Tal-Ewwel Silta

Tfal, bħalma wegħidnikom fil-programm tal-ġimgħa l-oħra, din il-ġimgħa se nlaqqgħukom ma' Carmel G. Cauchi, awtur minn Birkirkara li kiteb ħafna kotba għat-tfal.

Intervistatur: Merħba fil-programm tagħna u nirringrazzjawk talli lqajt l-istedina li għamilnielek.

Awtur: Nirringrazzja lilkom li stidintuni f'dan il-programm.

Intervistatur: Kemm kellek żmien meta bdejt tikteb bil-Malti?

Awtur: Jien ili nikteb minn tfuliti imma dak iż-żmien il-kitbiet tiegħi ma kontx nippubblikahom. Fil-fatt ippubblikajt l-ewwel ktieb meta kelli madwar tletin sena.

Intervistatur: X'jismu l-ewwel ktieb li ppubblikajt?

Awtur: L-ewwel ktieb li ppubblikajt kien tal-poeżija għall-kbar u kien jismu *Ħoloq*. Iżda f'dan il-ktieb jien kont ko-awtur għax kien fih poeżiji ta' erba' poeti oħra.

Intervistatur: Fuqhiex tħobb tikteb l-aktar?

Awtur: Jiena nħobb nikteb kemm stejjer kif ukoll poeżiji. L-istejjer inħobb niktibhom fuq il-fantasija jiġifieri fuq affarijiet li mhumiex reali.

Intervistatur: Liema ktieb li ktibt hu l-aktar għal qalbek? Għaliex?

Awtur: Diffiċli biex ngħid għax il-kotba tiegħi qishom uliedi u kollha nħobbhom l-istess. Madanakollu l-ewwel ktieb fis-sensiela ta' Pietru Pitravu hu xi ftit aktar speċjali mill-oħrajn għax hu l-ewwel ktieb li ktibt għat-tfal. U kieku jkolli nagħżel żewġ kotba oħra li huma verament għal qalbi nagħżel *Ramon u Sardinellu* u *Is-Sigriet ta' Għajnejn il-Kobra*.

Intervistatur: Qed tikteb xi ktieb ġdid bħalissa? Jekk iva tista' tgħidilna xi ħaġa fuqu?

Awtur: Bħalissa qed nikteb żewġ kotba li huma rumanz għaż-żgħażagħ u ktieb b'għaxar stejjer oħra fis-sensiela ta' Mastru Gerfex.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (x) fil-kaxxa t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Carmel G. Cauchi hu minn
a) Ħaż-Żebbuġ
b) Birkirkara
ċ) Ħal Balzan.

It-tweġiba t-tajba hija **b**. Għalhekk immarkajt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejha.

Is-sentenza sħiħa hija:

Carmel G. Cauchi hu minn Birkirkara.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

Numru tnejn:

Hu ppubblika l-ewwel ktieb meta kellu
a) għaxar snin
b) għoxrin sena
ċ) tletin sena.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tlieta:**

L-ewwel ktieb li ppubblika kien
a) poeżiji għat-tfal
b) rumanz
ċ) poeżiji għall-kbar.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru erbgħa:**

Carmel G. Cauchi jħobb jikteb
a) stejjer biss
b) poeżiji biss
ċ) stejjer u poeżiji.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru ħamsa:**

Ktieb li semma' l-awtur f'din l-intervista jismu
a) Is-Sigriet ta' Għajnejn il-Kobra
b) Tfuliti
ċ) Il-poeżiji tiegħi.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru sitta:**

Il-ktieb ġdid ta' Mastru Gerfex fih
a) ħames stejjer
b) għaxar stejjer
ċ) tnax-il storja.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Issa li nqara taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.

L-ewwel waħda hija eżempju:

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**Carmel G. Cauchi ilu jikteb …**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli …

**… minn tfulitu.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**Carmel G. Cauchi ilu jikteb minn tfulitu.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | L-ewwel ktieb li ppubblika … |
| Numru tlieta: | L-awtur iħobb jikteb … |
| Numru erbgħa: | L-ewwel ktieb li ppubblika għat-tfal … |
| Numru ħamsa: | *Ramon u Sardinellu* hu ktieb … |
| Numru sitta: | Bħalissa Carmel G. Cauchi … |

Issa se naqralek **Kolonna B:**

… fuq affarijiet li mhumiex reali.

… qed jikteb żewġ kotba.

… kien jismu *Ħoloq*.

… għal qalb l-awtur.

… minn tfulitu.

… kien dwar Pietru Pitravu.

Waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

**Dan hu t-tmiem tal-ewwel silta**

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 32 u paġna 33 tal-ktieb.

Waqfa ta' 5 sekondi

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Waqfa ta' 45 sekonda

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

Waqfa ta' 3 sekondi

Il-Qari tat-Tieni Silta

"Ron, għadek ma rqadtx?" Leħen il-mamà. Sikwit kienet tagħmel ir-ronda qabel ma tidħol torqod. Kemm kont nieħu gost fil-ġranet tax-xitwa, meta tidħol u tgħattini. Mhux għax inkun mikxuf, imma hi kellha xeħta kif tiġbed il-gvieret sa taħt geddumi u anki tmellisli waħda rasi. "Iż-żużu tiegħi!" kienet tgħidli b'imħabba bla qies. U kont nitbissem nofsi rieqed, u wara nħossni dħalt fil-ġenna.

Fil-jum li qed naqbad dan ir-rakkont – jum sajfi b'qamar mimli – il-mamà ġiet tittawlilna, lili u 'l John. U għalqet it-tieqa li tagħti għall-ġnejna mat-triq. Is-soltu fis-sajf it-tieqa konna nħalluha miftuħa, jew għallinqas imbexxqa. Imma dis-sena l-papà daħħlilna l-*air conditioner* fil-kmamar tas-sodda, u allura ħtiġilna nagħlqu t-tieqa, inkella l-arja kkondizzjonata titlef l-effett tagħha. Dan l-aħħar kulħadd sar igerger bis-sħana kbira li ħakmet kullimkien, anki bil-lejl, u bosta familji bdew jinvestu fl-air conditioners.

Kemm bdejna norqdu komdi biha, grazzi għas-sagrifiċċju tal-papà u l-ħin barrani li ħadem kuljum matul ix-xitwa!

Dakinhar irqadt tassew fil-fond imma, ħaġa tal-għaġeb, meta qomt ħassejtni … differenti mis-soltu. Mhux differenti hekk jew differenti hekk, imma … differenti differenti … kif naqbad infiehem?

Insomma, ħsilt wiċċi bis-sapun, ħsilt snieni, naddaft difrejja bl-ixkupilja – mur ara l-mamà tarali difrejja maħmuġin, mela le! – u nżilt għall-breakfast.

Għaġġla ma kellniex, għax konna fil-vaganzi tas-sajf, u l-papà kien għadu kif beda s-soltu shutdown ta' ħmistax-il ġurnata f'nofs Awwissu. Bħal dejjem il-mamà kienet ippreparat il-mejda biċ-ċereali, il-ħalib u l-ħobż imqatta' ħdejn it-toaster biex kulħadd jagħmel tiegħu u jeħodha sħuna.

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Victor Fenech* Id-Dawl Fit-Tieqa.

**Issa se jinqara taħriġ A.**

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Għalhekk inti għandek tuża n-numri 2 sa 6.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija:

**Il-mamà kienet tagħmel ir-ronda qabel ma tidħol torqod.**

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn:

**Dakinhar it-tifel raqad tassew fil-fond.**

**Il-mamà ppreparat il-mejda biċ-ċereali, ħalib u ħobż.**

**Il-mamà kienet tagħmel ir-ronda qabel ma tidħol torqod.**

**It-tifel ħasel wiċċu, snienu u naddaf difrejh.**

**Kif qam it-tifel ħassu differenti.**

**Il-mamà marret tittawwal lis-subien u għalqet it-tieqa.**

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.

L-ewwel waħda hi eżempju.

**Numru wieħed:**

Kif kien il-qamar fil-jum ta' dan ir-rakkont?

Ir-risposta li ktibt għal din il-mistoqsija hija :

**Il-qamar kien mimli.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-mistoqsijiet u tista' tweġibhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

F'liema staġun il-mamà kienet tidħol u tgħatti lit-tifel?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Għal fejn kienet tagħti t-tieqa li għalqet il-mamà?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Għaliex kien qiegħed igerger kulħadd?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

It-tifel għaliex ma kellux għaġġla?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

F'liema xahar tas-sena qed isseħħ din il-ġrajja?

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa se terġa' tinqara t-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.**

Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

Il-Qari tat-Tieni Silta

"Ron, għadek ma rqadtx?" Leħen il-mamà. Sikwit kienet tagħmel ir-ronda qabel ma tidħol torqod. Kemm kont nieħu gost fil-ġranet tax-xitwa, meta tidħol u tgħattini.  Mhux għax inkun mikxuf, imma

hi kellha xeħta kif tiġbed il-gvieret sa taħt geddumi u anki tmellisli waħda rasi. "Iż-żużu tiegħi!" kienet tgħidli b'imħabba bla qies. U kont nitbissem nofsi rieqed, u wara nħossni dħalt fil-ġenna.

Fil-jum li qed naqbad dan ir-rakkont – jum sajfi b'qamar mimli – il-mamà ġiet tittawlilna, lili u 'l John. U għalqet it-tieqa li tagħti għall-ġnejna mat-triq. Is-soltu fis-sajf it-tieqa konna nħalluha miftuħa, jew għallinqas imbexxqa. Imma dis-sena l-papà daħħlilna l-*air conditioner* fil-kmamar tas-sodda, u allura ħtiġilna nagħlqu t-tieqa, inkella l-arja kkondizzjonata titlef l-effett tagħha. Dan l-aħħar kulħadd sar igerger bis-sħana kbira li ħakmet kullimkien, anki bil-lejl, u bosta familji bdew jinvestu fl-air conditioners.

Kemm bdejna norqdu komdi biha, grazzi għas-sagrifiċċju tal-papà u l-ħin barrani li ħadem kuljum matul ix-xitwa!

Dakinhar irqadt tassew fil-fond imma, ħaġa tal-għaġeb, meta qomt ħassejtni … differenti mis-soltu. Mhux differenti hekk jew differenti hekk, imma … differenti differenti … kif naqbad infiehem?

Insomma, ħsilt wiċċi bis-sapun, ħsilt snieni, naddaft difrejja bl-ixkupilja – mur ara l-mamà tarali difrejja maħmuġin, mela le! – u nżilt għall-breakfast.

Għaġġla ma kellniex, għax konna fil-vaganzi tas-sajf, u l-papà kien għadu kif beda s-soltu shutdown ta' ħmistax-il ġurnata f'nofs Awwissu. Bħal dejjem il-mamà kienet ippreparat il-mejda biċ-ċereali, il-ħalib u l-ħobż imqatta' ħdejn it-toaster biex kulħadd jagħmel tiegħu u jeħodha sħuna.

*Din is-silta hi meħuda mill-ktieb ta' Victor Fenech* Id-Dawl Fit-Tieqa.

**Issa se jinqara taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin billi tikteb in-numri mill-1 sas-6 fil-kaxxi.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hemm in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Għalhekk inti għandek tuża n-numri 2 sa 6.

Is-sentenza li għandha tiġi l-ewwel hija:

**Il-mamà kienet tagħmel ir-ronda qabel ma tidħol torqod.**

Is-sentenzi f'dan it-taħriġ huma dawn:

**Dakinhar it-tifel raqad tassew fil-fond.**

**Il-mamà ppreparat il-mejda biċ-ċereali, ħalib u ħobż.**

**Il-mamà kienet tagħmel ir-ronda qabel ma tidħol torqod.**

**It-tifel ħasel wiċċu, snienu u naddaf difrejh.**

**Kif qam it-tifel ħassu differenti.**

**Il-mamà marret tittawwal lis-subien u għalqet it-tieqa.**

Waqfa ta' 5 sekondi

**Issa se jinqara taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.

L-ewwel waħda hi eżempju.

**Numru wieħed:**

Kif kien il-qamar fil-jum ta' dan ir-rakkont?

Ir-risposta li ktibt għal din il-mistoqsija hija :

**Il-qamar kien mimli.**

Issa ngħaddu għall-kumplament tal-mistoqsijiet u tista' tweġibhom.

Waqfa ta' 3 sekondi

**Numru tnejn:**

F'liema staġun il-mamà kienet tidħol u tgħatti lit-tifel?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru tlieta:**

Għal fejn kienet tagħti t-tieqa li għalqet il-mamà?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru erbgħa:**

Għaliex kien qiegħed igerger kulħadd?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru ħamsa:**

It-tifel għaliex ma kellux għaġġla?

Waqfa ta' 5 sekondi

**Numru sitta:**

F'liema xahar tas-sena qed isseħħ din il-ġrajja?

Waqfa ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

**Grazzi. Test Numru tmienja spiċċa.**